Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 215

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 58

14 ta' Awwissu 2015

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1389 tas-7 ta' Mejju 2015 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea** 1

Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea 3

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1390 tat-13 ta' Awwissu 2015 li jemenda għall-233 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta' Al-Qaida** 6

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1391 tat-13 ta' Awwissu 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1200/2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar stħarriġ ta' strutturi tal-farms u l-istħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola, fir-rigward tal-koeffiċjenti ta' unitajiet tal-bhejjem u d-definizzjonijiet tal-karatteristiċi** ([1]) 11

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1392 tat-13 ta' Awwissu 2015 li japprova s-sustanza bażika fruttożju f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011** ([1]) 34

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1393 tat-13 ta' Awwissu 2015 li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Καλαμάτα (Kalamata) (DOP)]** 38

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1394 tat-13 ta' Awwissu 2015 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 470/2014, kif emendat bir-Regolament (UE) 2015/588 li jimponi dazju antidumping u ġbir definittiv tad-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' ħġieġ solari li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara investigazzjoni mill-ġdid ta' assorbiment skont l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009** 42

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1395 tat-13 ta' Awwissu 2015 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 50

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/1389

tas-7 ta' Mejju 2015

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Kroazja, biex tikkonkludi Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova ([1]), biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll").

(2) Dawk in-negozjati ngħalqu b'suċċess fis-16 ta' Settembru 2014.

(3) Il-Protokoll għandu jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(4) Il-Protokoll għandu jiġi applikat b'mod proviżorju,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar lill-persuna(i) li jkollhom is-setgħa jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

([1]) It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L 292, 20.10.2012, p. 3.

Artikolu 3

Il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja, skont l-Artikolu 3(2) tiegħu, malli jiġi ffirmat mill-partijiet [1], sakemm jidħol fis-seħħ.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Mejju 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

E. RINKĒVIČS

---

(1) Id-data li minnha l-Protokoll ser jiġi applikat proviżorjament ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

PROTOKOLL

li jemenda l-Ftehim dwar l-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

billi huma partijiet għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u billi huma Stati Membri tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem, "l-Istati Membri"), u

L-UNJONI EWROPEA,

minn naħa waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA,

min-naħa l-oħra,

WARA LI KKUNSIDRAW l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Ir-Repubblika tal-Kroazja hija Parti għall-Ftehim dwar l-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova ([1]), iffirmat fis-26 ta' Ġunju 2012 (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim").

Artikolu 2

It-test tal-Ftehim bil-lingwa Kroata ([2]) għandu jkun awtentiku taħt l-istess kundizzjonijiet tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra.

Artikolu 3

1. Dan il-Protokoll għandu jiġi approvat mill-Partijiet skont il-proċeduri tagħhom stess. Għandu jidħol fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. Madankollu, jekk dan il-Protokoll jiġi approvat mill-Partijiet wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, f'dak il-każ jidħol fis-seħħ, skont l-Artikolu 29(1) tal-Ftehim, xahar wara d-data tal-aħħar nota fi skambju ta' noti diplomatiċi bejn il-Partijiet li jikkonfermaw it-tlestija tal-proċeduri kollha neċessarji għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.

2. Dan il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja mill-iffirmar tiegħu mill-Partijiet.

Magħmul fi Brussell, fit-22 ta' Lulju 2015, f'żewġ kopji, fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Partijiet, fejn kull test huwa ugwalment awtentiku.

([1]) It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fi ĠU L 292, 20.10.2012, p. 3.
([2]) Edizzjoni Speċjali bil-Kroat, Kapitolu 11 Volum 102, p. 197.

За държавите-членки
Por los Estados miembros
Za členské státy
For medlemsstaterne
Für die Mitgliedstaaten
Liikmesriikide nimel
Για τα κράτη μέλη
For the Member States
Pour les États membres
Za države članice
Per gli Stati membri
Dalībvalstu vārdā –
Valstybių narių vardu
A tagállamok részéről
Għall-Istati Membri
Voor de lidstaten
W imieniu państw członkowskich
Pelos Estados-Membros
Pentru statele membre
Za členské štáty
Za države članice
Jäsenvaltioiden puolesta
För medlemsstaterna
Pentru statele membre

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen
Pentru Uniunea Europeană

За Република Молдова
Por la República de Moldavia
Za Moldavskou republiku
For Republikken Moldova
Für die Republik Moldau
Moldova Vabariigi nimel
Για τη Δημοκρατία της Μολδαβίας
For the Republic of Moldova
Pour la République de Moldavie
Za Republiku Moldovu
Per la Repubblica moldova
Moldovas Republikas vārdā –
Moldovos Respublikos vardu
A Moldovai Köztársaság részéről
Ghar-Repubblika tal-Moldova
Voor de Republiek Moldavië
W imieniu Republiki Mołdawii
Pela República da Moldova
Pentru Republica Moldova
Za Moldavskú republiku
Za Republiko Moldavijo
Moldovan tasavallan puolesta
För Republiken Moldavien
Pentru Republica Moldova

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1390

tat-13 ta' Awwissu 2015

li jemenda għall-233 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta' Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-network ta' Al-Qaida, ([1]) u b'mod partikolari l-Artikoli 7(1)(a) u (5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 fih lista tal-persuni, tal-gruppi u tal-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

(2) Mit-22 ta' Mejju 2015 sal-15 ta' Ġunju 2015, permezz ta' erba' deċiżjonijiet meħuda fit-22 ta' Mejju 2015, fil-15 ta' Ġunju 2015, fis-26 ta' Ġunju 2015 u fl-10 ta' Lulju 2015 rispettivament, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (il-KSNU) iddeċieda li jemenda sitt annotazzjonijiet u ħames entitajiet mil-lista ta' persuni fiżiċi li fir-rigward tagħhom għandu japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi. Fis-6 ta' Awwissu 2015, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-KSNU ddeċieda li jżid annotazzjoni waħda mal-lista.

(3) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu għalhekk jiġi aġġornat skont dan.

(4) Sabiex ikun żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Awwissu 2015.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija

([1]) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap.18, Vol. 001, p. 294).

ANNESS

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) L-annotazzjonijiet li ġejjin jiġu emendati fl-intestatura "Persuni fiżiċi":

(a) L-annotazzjoni "Aiman Muhammed Rabi Al-Zawahiri (magħruf ukoll bħala (a) Ayman Al-Zawahari, (b) Ahmed Fuad Salim, (c) Al Zawahry Aiman Mohamed Rabi Abdel Muaz, (d) Al Zawahiri Ayman, (e) Abdul Qader Abdul Aziz Abdul Moez Al Doctor, (f) Al Zawahry Aiman Mohamed Rabi, (g) Al Zawahry Aiman Mohamed Rabie, (h) Al Zawahry Aiman Mohamed Robi, (i) Dhawahri Ayman, (j) Eddaouahiri Ayman, (k) Nur Al Deen Abu Mohammed, (l) Ayman Al Zawahari, (m) Ahman Fuad Salim, (n) Abu Fatma, (o) Abu Mohammed). Titolu: (a) Professur, (b) Dr. Data tat-twelid: 19.6.1951. Post tat-twelid: Giża, l-Eġittu. Nazzjonalità: Eġizzjana. Numru tal-Passaport: (a) 1084010 (Passaport Eġizzjan), (b) 19820215. Tagħrif ieħor: (a) Eks mexxej operattiv u militari tal-Grupp tal-Ġiħad Iżlamiku Eġizzjan, illum kollaboratur qrib ta' Usama Bin Laden, (b) Joqgħod fiż-żona tal-fruntiera ta' bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 25.1.2001." fl-intestatura "Persuni fiżiċi" hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Aiman Muhammed Rabi Al-Zawahiri (magħruf ukoll bħala (a) Ayman Al-Zawahari, (b) Ahmed Fuad Salim, (c) Al Zawahry Aiman Mohamed Rabi Abdel Muaz, (d) Al Zawahiri Ayman, (e) Abdul Qader Abdul Aziz Abdul Moez Al Doctor, (f) Al Zawahry Aiman Mohamed Rabi, (g) Al Zawahry Aiman Mohamed Rabie, (h) Al Zawahry Aiman Mohamed Robi, (i) Dhawahri Ayman, (j) Eddaouahiri Ayman, (k) Nur Al Deen Abu Mohammed, (l) Ayman Al Zawahari, (m) Ahman Fuad Salim, (n) Abu Fatma, (o) Abu Mohammed). Titolu: (a) Tabib, (b) Dr. Data tat-twelid: 19.6.1951. Post tat-twelid: Giża, l-Eġittu. Nazzjonalità: Eġizzjana. Numru tal-Passaport: (a) 1084010 (Passaport Eġizzjan), (b) 19820215. Informazzjoni oħra: (a) Mexxej ta' Al-Qaida (b) Eks mexxej operattiv u militari tal-Egyptian Islamic Jihad, kien assoċjat mill-qrib ta' Usama Bin Laden (mejjet), (c) Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 25.1.2001."

(b) L-annotazzjoni "Yasser Mohamed Ismail Abu Shaweesh (*alias* Yasser Mohamed Abou Shaweesh). Indirizz: Il-Ġermanja. Data tat-twelid: 20.11.1973. Post tat-twelid: Bengazi, il-Libja. Nazzjonalità: Palestinjana bla stat. Numru tal-Passaport: (a) 939254 (dokument tal-ivvjaġġar Eġizzjan), (b) 0003213 (passaport Eġizzjan), (c) 981358 (passaport Eġizzjan), (d) C00071659 (sostitut tal-passaport maħruġ mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja). Tagħrif ieħor: (a) Fil-ħabs fil-Ġermanja; (b) Ħuh huwa Ismail Mohamed Ismail Abu Shaweesh. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.12.2005." fl-intestatura "Persuni fiżiċi" hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Yasser Mohamed Ismail Abu Shaweesh (magħruf ukoll bħala Yasser Mohamed Abou Shaweesh). Indirizz: Il-Ġermanja (fil-ħabs). Data tat-twelid: 20.11.1973. Post tat-twelid: Benghazi, Libyan Arab Jamahiriya. Nazzjonalità: Palestinjan bla stat. Numru tal-Passaport: (a) 939254 (dokument tal-ivvjaġġar Eġizzjan), (b) 0003213 (passaport Eġizzjan), (c) 981358 (passaport Eġizzjan), (d) C00071659 (sostitut tal-passaport maħruġ mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja). Informazzjoni oħra: Ikkundannat għal ħames snin u sitt xhur priġunerija fil-Ġermanja fis-6 ta' Diċembru. 2007. Data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.12.2005."

(c) L-annotazzjoni "Nasir 'Abd-Al-Karim 'Abdullah Al-Wahishi (magħruf ukoll bħala (a) Nasir al-Wahishi, (b) Abu Basir Nasir al-Wahishi, (c) Naser Abdel Karim al-Wahishi, (d) Nasir Abd al-Karim al-Wuhayshi, (e) Abu Basir Nasir Al-Wuhayshi, (f) Nasser Abdul- karim Abdullah al-Wouhichi, (g) Abu Baseer al-Wehaishi, (h) Abu Basir Nasser al-Wuhishi, (i) Abdul Kareem Abdullah Al-Woohaishi, (j) Nasser Abdelkarim Saleh Al Wahichi, (k) Abu Basir, (l) Abu Bashir). Data tat-twelid: (a) 1.10.1976, (b) 8.10.1396 (Kalendarju Hijri). Post tat-twelid: Il-Jemen. Nazzjonalità: Jemenita. Numru tal-Passaport: 40483 (Numru tal-passaport Jemenit maħruġ fil-5.1.1997). Tagħrif ieħor: Kien il-ħabs fil-Jemen bejn l-2003 u l-2006. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 19.1.2010." fl-intestatura "Persuni fiżiċi" hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Nasir 'Abd-Al-Karim 'Abdullah Al-Wahishi (magħruf ukoll bħala (a) Nasir al-Wahishi, (b) Abu Basir Nasir al-Wahishi, (c) Naser Abdel Karim al-Wahishi, (d) Nasir Abd al-Karim al-Wuhayshi, (e) Abu Basir Nasir Al-Wuhayshi, (f) Nasser Abdul-karim Abdullah al-Wouhichi, (g) Abu Baseer al-Wehaishi, (h) Abu Basir Nasser al-Wuhishi, (i) Abdul Kareem Abdullah Al-Woohaishi, (j) Nasser Abdelkarim Saleh Al Wahichi, (k) Abu Basir, (l) Abu Bashir). Data tat-twelid: (a) 1.10.1976, (b) 8.10.1396 (Kalendarju Hijri). Post tat-twelid: Il-Jemen. Nazzjonalità: Jemenita. Numru tal-Passaport: 40483 (Numru tal-passaport Jemenit maħruġ fil-5.1.1997). Informazzjoni oħra: (a) Mill-2007, mexxej ta'Al-Qaida fil-Jemen (AQY). (b) Minn Jannar 2009, mexxej ta' Al-Qaida fil-Peniżola Għarbija li topera fil-Jemen u fl-Arabja Sawdija (c) Assoċjat mat-tmexxija għolja ta' Al-Qaida (d) jgħid li kien segretarju ta' Usama Bin Laden (mejjet) qabel l-2003. (e) Arrestat fl-Iran u estradit lejn il-Jemen

fl-2003, fejn huwa ħarab mill-ħabs fl-2006 u kien għadu maħrub f'Jannar 2010. Data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 19.1.2010."

(d) L-annotazzjoni "Ibrahim Hassan Tali Al-Asiri (magħruf ukoll bħala (a) Ibrahim Hassan Tali Asiri, (b) Ibrahim Hasan Talea Aseeri, (c) Ibrahim Hassan al-Asiri, (d) Ibrahim Hasan Tali Asiri, (e) Ibrahim Hassan Tali Assiri, (f) Ibrahim Hasan Tali'A 'Asiri, (g) Ibrahim Hasan Tali al-'Asiri, (h) Ibrahim al-'Asiri, (i) Ibrahim Hassan Al Asiri, (j) Abu Saleh, (k) Abosslah, (l) Abu-Salaah). Indirizz: Jemen. Data tat-twelid: (a) 19.4.1982, (b) 18.4.1982, (c) 24.6.1402 (Kalendarju Hijri). Post tat-twelid: Riyadh, l-Arabja Sawdija. Nazzjonalità: Sawdija. Numru tal-Passaport: F654645 (Numru tal-passaport Sawdi, maħruġ fit-30.4.2005, skada fis-7.3.2010, data tal-ħruġ fil-Kalendarju Hijri 24/06/1426, data ta' skadenza fil-Kalendarju Hijri 21/03/1431). Numru ta' identifikazzjoni nazzjonali: 1028745097 (Numru ta' identifikazzjoni ċivili Sawdi). Tagħrif ieħor: (a) Manifattur operattiv u prinċipali ta' bombi ta' Al-Qaida fil-Peniżola Għarbija; (b) Hu maħsub li jinsab moħbi fil-Jemen minn Marzu 2011; (c) Imfittex mill-Arabja Sawdija; (d) L-Avviż Oranġjo tal-INTERPOL (fajl #2009/52/OS/CCC, #81) inħareġ għalih; (e) Assoċjat ma' Nasir 'abd-al-Karim 'Abdullah Al-Wahishi, Said Ali al-Shihri, Qasim Yahya Mahdi al-Rimi u Anwar Nasser Abdulla Al-Aulaqi. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 24.3.2011." fl-intestatura "Persuni fiżiċi" hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Ibrahim Hassan Tali Al-Asiri (magħruf ukoll bħala (a) Ibrahim Hassan Tali Asiri, (b) Ibrahim Hasan Talea Aseeri, (c) Ibrahim Hassan al-Asiri, (d) Ibrahim Hasan Tali Asiri, (e) Ibrahim Hassan Tali Assiri, (f) Ibrahim Hasan Tali'A 'Asiri, (g) Ibrahim Hasan Tali al-'Asiri, (h) Ibrahim al-'Asiri, (i) Ibrahim Hassan Al Asiri, (j) Abu Saleh, (k) Abosslah, (l) Abu-Salaah). Indirizz: Jemen. Data tat-twelid: (a) 19.4.1982, (b) 18.4.1982, (c) 24.6.1402 (Kalendarju Hijri). Post tat-twelid: Riyadh, l-Arabja Sawdija. Nazzjonalità: Sawdija. Numru tal-Passaport: F654645 (Numru tal-passaport tal-Arabja Sawdija, maħruġ fit-30.4.2005, skada fis-7.3.2010, data tal-ħruġ fil-Kalendarju Hijri 24/06/1426, data tal-iskadenza fil-Kalendarju Hijri 21/03/1431). Numru ta' identifikazzjoni nazzjonali: 1028745097 (Numru ta' identifikazzjoni ċivili Sawdi). Informazzjoni oħra: (a) Element operattiv u manifattur prinċipali ta' bombi ta' Al-Qaida fil-Peniżola Għarbija; (b) Hu maħsub li jinsab moħbi fil-Jemen f'Marzu 2011; (c) Imfittex mill-Arabja Sawdija; (d) Assoċjat ukoll ma' Nasir 'abd-al-Karim 'Abdullah Al-Wahishi, Qasim Yahya Mahdi al-Rimi u Anwar Nasser Abdulla Al-Aulaqi. Data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 24.3.2011."

(e) L-annotazzjoni "Adil Muhammad Mahmud Abd Al-Khaliq (magħruf ukoll bħala (a) Adel Mohamed Mahmoud Abdul Khaliq; (b) Adel Mohamed Mahmood Abdul Khaled). Data tat-twelid: 2.3.1984. Post tat-twelid: Il-Baħrejn. Nazzjonalità: Baħrejni. Numru tal-Passaport: 1632207 (Baħrejni). Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 10.10.2008." fl-intestatura "Persuni fiżiċi" hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Adil Muhammad Mahmud Abd Al-Khaliq (magħruf ukoll bħala (a) Adel Mohamed Mahmoud Abdul Khaliq; (b) Adel Mohamed Mahmood Abdul Khaled). Data tat-twelid: 2.3.1984. Post tat-twelid: Il-Bahrain. Nazzjonalità: Bahraini. Numru tal-Passaport: 1632207 (Bahraini). Informazzjoni oħra: (a) Aġixxa f'isem, u pprovda appoġġ finanzjarju, materjali u loġistiku, lil Al-Qaida u lil-Libyan Islamic Fighting Group (LIFG); (b) Arrestat fl-Emirati Għarab Magħquda (UAE) f'Jannar tal-2007 fuq akkużi li huwa membru ta' Al-Qaida u ta' LIFG; (c) Wara li nstab ħati fl-Emirati Għarab Magħquda lejn tmiem l-2007 ġie trasferit lejn il-Bahrain kmieni fl-2008 biex hemm jiskonta l-bqija tas-sentenza tiegħu; (d) Wara li nħeles fl-2008, reġa' beda l-attivitajiet ta' ġbir ta' flus tiegħu għal Al-Qaida, tal-inqas sal-2012; (e) Huwa ġabar ukoll flus għat-Taliban. Data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 10.10.2008."

(f) L-annotazzjoni "Ibrahim Ali Abu Bakr Tantoush (magħruf ukoll bħala (a) Abd al-Muhsin, (b) Ibrahim Ali Muhammad Abu Bakr, (ċ) Abdul Rahman, (d) Abu Anas, (e) Ibrahim Abubaker Tantouche, (f) Ibrahim Abubaker Tantoush, (g) Abd al-Muhsi, (h) Abd al-Rahman, (i) Al-Libi). Indirizz: Johannesburg, l-Afrika ta' Isfel. Data tat-twelid: 1966 Post tat-twelid: al Aziziyya, il-Libja. Nazzjonalità: Libjana. Numru tal-Passaport: 203037 (Passaport Libjan maħruġ fi Tripoli). Tagħrif ieħor: (a) Affiljat mal-Kumitat ta' Appoġġ Afgan (KAA) u s-Soċjetà għal-Qawmien mill-ġdid tal-Wirt Iżlamiku (SQWI) u l-Libyan Islamic Fighting Group (LIFG). Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 11.1.2002." fl-intestatura "Persuni fiżiċi" hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Ibrahim Ali Abu Bakr Tantoush (magħruf ukoll bħala (a) Abd al-Muhsin, (b) Ibrahim Ali Muhammad Abu Bakr, (c) Abdul Rahman, (d) Abu Anas, (e) Ibrahim Abubaker Tantouche, (f) Ibrahim Abubaker Tantoush, (g) Abd al-Muhsi, (h) Abd al-Rahman, (i) Abdel Ilah Sabri (identità falza relatata man-numru tal-identifikazzjoni frawdolenti Sud Afrikan 6910275240086 konness man-numru tal-passaport Sud Afrikan 434021161, iż-żewġ dokumenti ġew ikkonfiskati)). Indirizz: Tripli, il-Libja (fi Frar 2014). Data tat-twelid: 2.2.1966. Post tat-twelid: al Aziziyya, il-Libja. Nazzjonalità: Libjana. Numru tal-Passaport: (a) Passaport Libjan bin-numru 203037, maħruġ fi Tripli, il-Libja (b) passaport Libjan bin-numru 347834, maħruġ bl-isem ta' Ibrahim Ali Tantoush, skada fil-21 ta' Frar 2014). Informazzjoni oħra: (a) Assoċjat mal-Afghan Support Committee (ASC), mar-Revival of Islamic Heritage Society (RIHS) u mal-Libyan Islamic Fighting Group (LIFG) Ritratt u marki tas-swaba disponibbli għall-inklużjoni fl-Avviż Speċjali tal-INTERPOL-UNSC. Data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 11.1.2002."

(g) L-annotazzjoni "Zulkifli Abdul Hir (alias (a) Musa Abdul Hir, (b) Muslimin Abdulmotalib, (c) Salim Alombra, (d) Armand Escalante, (e) Normina Hashim, (f) Henri Lawi, (g) Hendri Lawi, (h) Norhana Mohamad, (i) Omar Salem, (j) Ahmad Shobirin, (k) Bin Abdul Hir Zulkifli, (l) Abdulhir Bin Hir, (m) Hassan, (n) Hogalu, (o) Hugalu, (p) Lagu, (q) Marwan). Indirizz: Seksyen 17, Shah Alam, Selangor, il-Malasja. Data tat-twelid: (a) 5.1.1966, (b) 5.10.1966. Post tat-twelid: Muar Johor, il-Malasja. Nazzjonalità: Malasjana. Numru tal-Passaport: A 11263265. Numru tal-identifikazzjoni nazzjonali: 660105-01-5297 Informazzjoni oħra: (a) Isem l-omm hu Minah Binto Aogist Abd Aziz, (b) Numru tal-liċenzja tas-sewqan D2161572 maħruġa l-Kalifornja, l-Istati Uniti tal-Amerika. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 9.9.2003." fl-intestatura "Persuni fiżiċi" hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Zulkifli Abdul Hir (alias (a) Musa Abdul Hir, (b) Muslimin Abdulmotalib, (c) Salim Alombra, (d) Armand Escalante, (e) Normina Hashim, (f) Henri Lawi, (g) Hendri Lawi, (h) Norhana Mohamad, (i) Omar Salem, (j) Ahmad Shobirin, (k) Bin Abdul Hir Zulkifli, (l) Abdulhir Bin Hir, (m) Hassan, (n) Hogalu, (o) Hugalu, (p) Lagu, (q) Marwan (prominentement magħruf bħala)). Indirizz: (a) Seksyen 17, Shah Alam, Selangor, il-Malasja (post preċedenti), (b) Maguindanao, il-Filippini (f'Jannar 2015). Data tat-twelid: (a) 5.1.1966, (b) 5.10.1966. Post tat-twelid: Muar Johor, il-Malasja. Nazzjonalità: Malasjan. Numru tal-Passaport: (a) A 11263265, (b) Numru tal-identifikazzjoni nazzjonali: 660105-01-5297, (c) Liċenzja tas-sewqan D2161572, maħruġa f'California, l-Istati Uniti. Informazzjoni oħra: (a) Il-Qorti ta' Northern District of California, l-Istati Uniti, ħarġet mandat ta' arrest għalih fl-1 ta' Awwissu 2007. (b) Ikkonfermat li miet f'Maguindanao, il-Filippini f'Jannar 2015. (c) Isem ommu huwa Minah Binto Aogist Abd Aziz. Data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 9.9.2003."

(2) L-annotazzjonijiet li ġejjin jiġu emendati fl-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet":

(a) L-annotazzjoni "Revival of Islamic Heritage Society (*alias* (a) Jamiat Ihia Al-Turath Al-Islamiya, (b) Revival of Islamic Society Heritage on the African Continent, (c) Jamia Ihya Ul Turath, (d) RIHS). Indirizz: (a) Il-Pakistan; (b) L-Afganistan. Tagħrif ieħor: (a) Huma indikati biss l-uffiċċji tal-Pakistan u tal-Afganistan ta' din l-entità; (b) Assoċjata ma' Abu Bakr al-Jaziri u mal-Afghan Support Committee (ASC). Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 11.1.2002." fl-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet" tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

"Revival of Islamic Heritage Society (magħrufa wkoll bħala (a) Revival of Islamic Society Heritage on the African Continent (b) Jamia Ihya ul Turath (c) RIHS (d) Jamiat Ihia Al-Turath Al-Islamiya (e) Al-Furqan Foundation Welfare Trust (f) Al-Furqan Welfare Foundation Indirizz: (a) Il-Pakistan, (b) L-Afganistan. Informazzjoni oħra: (a) Huma deżinjati biss l-uffiċċji ta' din l-entità fil-Pakistan u fl-Afganistan, (b) Assoċjata ma' Abu Bakr al-Jaziri u l-Kumitat tal-Appoġġ Afgan (ASC). Data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 11.1.2002."

(b) L-annotazzjoni "Al-Haramain Islamic Foundation, (is-Somalja). Indirizz: Is-Somalja. Tagħrif ieħor: Il-fundatur u dak li qabel kien il-mexxej huma Aqeel Abdulaziz Aqeel al-Aqeel. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 13.3.2002." fl-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet" tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

"Al-Haramain Islamic Foundation (is-Somalja). Indirizz: Is-Somalja. Data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 13.3.2002."

(c) L-annotazzjoni "Al-Qaida fil-peniżola Għarbija (alias (a) AQPGħ, (b) l-organizzazzjoni ta' Al-Qaida tal-Ġihad fil-peniżola Għarbija, (c) Tanzim Qa'idat al-Jihad fi Jazirat al-Arab, (d) l-organizzazzjoni Al-Qaida fil-peniżola Għarbija, (e) Al-Qaida fin-naħa ta' isfel tal-peniżola Għarbija, (f) Ansar al-Shari'a, (g) AAS, (h) Al-Qaida fil-Jemen, (i) AQY). Tagħrif ieħor: Post: Il-Jemen jew l-Arabja Sawdija. L-Ansar al-Shari'a ġiet iffurmata fil-bidu tal-2011 mill-AQPGħ. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 19.1.2010." fl-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet" tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

"Al-Qaida in the Arabian Peninsula (magħrufa wkoll bħala (a) AQAP, (b) Al-Qaida of Jihad Organization in the Arabian Peninsula, (c) Tanzim Qa'idat al-Jihad fi Jazirat al-Arab, (d) Al-Qaida Organization in the Arabian Peninsula, (e) Al-Qaida in the South Arabian Peninsula, (f) Ansar al-Shari'a, (g) AAS, (h) Al-Qaida fil-Jemen, (i) AQY). Informazzjoni oħra: (a) Post: Il-Jemen jew l-Arabja Sawdija (2004-2006). (b) Iffurmata f'Jannar 2009 meta Al-Qaida fil-Jemen ingħaqdet mal-operattivi ta' Al-Qaida tal-Arabja Sawdija, (c) Il-mexxej tal-AQAP huwa Nasir 'abd-al-Karim 'Abdullah Al-Wahishi, (d) Ansar al-Shari'a ġiet iffurmata kmieni fl-2011 mill-AQAP u ħadet ir-responsabbiltà għal bosta attakki fil-Jemen kemm kontra l-gvern kif ukoll kontra objettivi ċivili. Data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 19.1.2010."

(d) L-annotazzjoni "Tehrik-e Taliban Pakistan (TTP) (magħruf ukoll bħala (a) Tehrik-I-Taliban Pakistan, (b) Tehrik-e-Taliban, (c) Pakistani Taliban, (d) Tehreek-e-Taliban). Tagħrif ieħor: (a) Tehrik-e Taliban huwa bbażat fiż-żoni tribali tul il-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan; (b) Ġie ffurmat fl-2007, il-mexxej tiegħu huwa Hakimullah Mehsud; (c) Wali Ur Rehman huwa l-Emir tat-TTP għall-Waziristan t'Isfel. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 29.7.2011." fl-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet" tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

"Tehrik-e Taliban Pakistan (TTP) (magħrufa wkoll bħala (a) Tehrik-I-Taliban Pakistan, (b) Tehrik-e-Taliban, (c) Pakistani Taliban, (d) Tehreek-e-Taliban). Informazzjoni oħra: (a) Tehrik-e Taliban hija bbażata fiż-żoni tribali fil-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan; (b) Iffurmata fl-2007, il-mexxej tagħha huwa Maulana Fazlullah. Data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 29.7.2011."

(3) L-annotazzjoni li ġejja tiżdied fl-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet":

(a) "The Army Of Emigrants And Supporters (magħrufa wkoll bħala: (a) Battalion of Emigrants and Supporters (b) l-organizzazzjoni Army of Emigrants and Supporters (c) Battalion of Emigrants and Ansar d) Jaysh al-Muhajirin wal-Ansar (JAMWA); Indirizz: iż-żona ta' Jabal Turkuman, Lattakia Governorate, ir-Repubblika Għarbija Sirjana; Informazzjoni oħra: Stabbilita minn ġellieda terroristiċi barranin fl-2013. Post: Ir-Repubblika Għarbija Sirjana. Affiljata mal-Istat Iżlamiku fl-Iraq u fil-Levant, elenkat bħala Al-Qaida in Iraq u Al-Nusrah Front for the People of the Levant; Data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.8.2015".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1391

tat-13 ta' Awwissu 2015

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1200/2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar stħarriġ ta' strutturi tal-farms u l-istħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola, fir-rigward tal-koeffiċjenti ta' unitajiet tal-bhejjem u d-definizzjonijiet tal-karatteristiċi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar stħarriġ ta' strutturi tal-impriżi agrikoli u stħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola, u b'mod partikolari l-Artikoli 7(4) u 11(7) tiegħu, ([1])

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 jistabbilixxi qafas għall-forniment ta' statistika Komunitarja komparabbli dwar l-istruttura ta' impriżi agrikoli u għal stħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 715/2014 ([2]) jistabbilixxi lista ġdida ta' karatteristiki li għandhom jinġabru fl-istħarriġ tal-Istruttura tal-Farms tal-2016. Għalhekk jeħtieġ li d-definizzjonijiet jiġu modifikati.

(3) Fl-interessi tal-komparabilità, it-termini li jinsabu fil-lista tal-karatteristiki msemmija fil-Premessa (2) għandhom jinftiehmu u jiġu applikati b'mod uniformi fl-Unjoni kollha. Għaldaqstant, jeħtieġ li d-definizzjonijiet tal-karatteristiki li għandhom jiġu wżati fl-istħarriġ tal-istruttura tal-farms jiġu modifikati.

(4) L-Anness II tar-Regolament tal-Kumissjoni (KE) Nru 1200/2009 ([3]) għandu jiġi allinjat mal-lista l-ġdida tal-karatteristiki msemmija fil-Premessa (2).

(5) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1200/2009 għandu jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar Statistika Agrikola, li ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 72/279/KEE ([4]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1200/2009 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 321, 1.12.2008, p. 16.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 715/2014 tas-26 ta' Ġunju 2014 li jemenda l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar stħarriġ ta' strutturi tal-impriżi agrikoli u l-istħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola, fir-rigward tal-lista ta' karatteristiċi li jridu jinġabru fl-istħarriġ dwar l-istruttura tal-impriżi agrikoli 2016 (ĠU L 190, 28.6.2014, p. 8).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1200/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar stħarriġ ta' strutturi tal-farms u l-istħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola, fir-rigward tal-koeffiċjenti ta' unitajiet tal-bhejjem u d-definizzjonijiet tal-karatteristiċi (ĠU L 329, 15.12.2009, p. 1).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 72/279/KEE tal-31 ta' Lulju 1972 li twaqqaf Kumitat Permanenti għall-Istatistika Agrikola (ĠU L 179, 7.8.1972, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Awwissu 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

"ANNESS II

Definizzjonijiet tal-karatteristiki li għandhom jintużaw għall-istħarriġ tal-Unjoni dwar l-istruttura tal-farms ([1])

I. **KARATTERISTIKI ĠENERALI**

Il-post fejn tinsab l-impriża

Il-post fejn tinsab l-impriża agrikola huwa definit fl-Artikolu 2(e) tar-Regolament (KE) Nru 1166/2008.

Ir-reġjun ta' NUTS 3

Ir-reġjun NUTS 3 (skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 31/2011 ([2])) fejn tinsab l-impriża.

L-impriża tinsab f'żona żvantaġġata (Less Favoured Area — LFA)?

Tagħrif dwar żoni żvantaġġati għandu jiġi pprovdut b'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

L — l-impriża tinsab f'żona żvantaġġata, li ma tikkonsistix minn żoni muntanjużi, u hija affettwata minn restrizzjonijiet naturali sinifikanti; jew f'żona oħra affettwata minn restrizzjonijiet speċifiċi.

M — l-impriża tinsab f'żona muntanjuża żvantaġġata.

N — żona normali (mhux LFA).

Il-personalità ġuridika tal-impriża

Il-personalità ġuridika tal-impriża tiddependi fuq l-istatus tad-detentur.

L-impriża hija unità f'art komuni?

'Unità agrikola f'art komuni' — entità virtwali maħluqa għal finijiet ta' ġbir u ta' reġistrazzjoni ta' dejta, li tikkonsisti mill-art agrikola użata minn impriżi agrikoli iżda li mhijiex proprjetà diretta tagħhom, jiġifieri li fuqha japplikaw drittijiet komuni.

Ir-responsabilità legali u ekonomika tal-impriża qiegħda f'idejn:

persuna fiżika li hija l-uniku detentur, u fejn l-impriża hija indipendenti?

Persunaindividwali u naturali unika li hijaa d-detentur ta' impriża li mhix relatata ma' ebda impriża ta' detenturi oħrajn, kemm b'ġestjoni komuni jew b'arranġamenti simili.

Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija preċedenti hija 'iva', din il-persuna (id-detentur) hija wkoll il-maniġer?

Jekk din il-persuna mhix il-maniġer, il-maniġer huwa membru tal-familja tad-detentur?

Jekk il-maniġer huwa membru tal-familja tad-detentur, il-maniġer huwa l-konjuġi tad-detentur?

persuna fiżika waħda jew iktar li hija/huma sħab, u fejn l-impriża hija proprjetà ta' grupp ta' impriżi?

Sħab fi grupp ta' impriżi huma persuni fiżiċi propretarji jew kerrejja ta' impriża agrikola, jew li b'mod ieħor jmexxu flimkien impriża agrikola waħda jew imexxu flimkien l-impriżi individwali tagħhom daqslikieku kienu impriża waħda. Dan it-tip ta' kooperazzjoni għandu jsir b'mod konformi mal-liġi, jew bi ftehim bil-miktub.

([1]) Id-definizzjonijiet bażiċi tal-impriża agrikola u tal-unità ta' bhejjem huma stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1166/2008.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 31/2011 tal-17 ta' Jannar 2011 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 13, 18.1.2011, p. 3).
([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

persuna ġuridika?

Entità legali għajr persuna fiżika iżda li għandha d-drittijiet u d-dmirijiet normali ta' individwu, bħall-kapaċità li tfittex jew li tiġi mfittxa bil-qorti (kapaċità ġenerali legali proprja).

Tip ta' pussess (fir-rigward tad-detentur) u sistema agrikola

Erja agrikola użata:

Erja agrikola użata tfisser l-erja totali magħmula minn art li tinħadem, mergħat permanenti, għelejjel permanenti u ġonna kulinarji li tintuża mill-impriża, irrispettivament mit-tip ta' pussess jew minn jekk din tintużax bħala parti minn art komuni.

Għall-agrikoltura mis-sid

Erja agrikola użata maħduma mill-impriża u li hija l-proprjetà tad-detentur jew li tiġi maħduma minnu bħala użufruttwarju jew kerrej fit-tul ereditarju, jew bħala parti minn tip ieħor ekwivalenti ta' pussess.

Għall-agrikoltura minn gabillott

Erja agrikola użata mikrija mill-impriża għal kera fissa miftiehma bil-quddiem (f'kontanti, ħlas in natura jew mod ieħor), u li fir-rigward tagħha jeżisti ftehim ta' kera (bil-miktub jew bil-fomm). Erja agrikola użata tiġi allokata lil impriża waħda biss. Jekk erja agrikola użata tinkera lil aktar minn impriża waħda tul is-sena bażi, normalment din tiġi allokata lill-impriża li hija assoċjata magħha fil-jum ta' referenza tal-istħarriġ, jew lill-impriża li tkun għamlet użu minnha għall-itwal terminu ta' żmien waqt is-sena bażi.

Għall-mezzadrija jew metodi oħra

(a) Żona agrikola maħduma bil-mezzadrija hija l-erja agrikola użata (li tista' tikkostitwixxi impriża sħiħa) maħduma bi sħubija mis-sid u mill-bidwi bis-sehem skont ftehim ta' mezzadrija bil-miktub jew bil-fomm. Il-produzzjoni (kemm dik ekonomika kif ukoll dik fiżika) taż-żona maħduma bil-mezzadrija tinqasam bejn iż-żewġ partijiet fuq bażi ta' ftehim.

(b) Erja agrikola użata li jsir użu minnha skont metodi oħra ta' pussess hija l-erja agrikola użata li mhijiex koperta band'oħra taħt l-intestaturi ta' hawn fuq.

Art komuni

L-erja agrikola użata li tagħmel użu minnha l-impriża agrikola iżda li mhijiex proprjetà diretta tagħha, jiġifieri li fir-rigward tagħha japplikaw drittijiet komuni.

Agrikoltura organika

Prattiki agrikoli skont ċertu standards u regoli fissi speċifikati (i) fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 [1] jew, fejn applikabbli, fil-leġiżlazzjoni l-aktar riċenti, u (ii) ir-regoli nazzjonali ekwivalenti ta' implimentazzjoni dwar il-produzzjoni organika.

L-erja agrikola użata tal-impriża li fiha jiġu applikati u ċertifikati l-metodi ta' produzzjoni tal-biedja organika b'konformità mar-regoli nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea

Dik il-parti tal-erja agrikola użata tal-impriża li fuqha jiġi applikat il-metodu ta' produzzjoni hija konformi bis-sħiħ mal-prinċipji tal-produzzjoni organika fil-livell tal-farm, kif stabbilit (i) fir-Regolament (KE) Nru 834/2007 jew, fejn applikabbli, fl-aktar leġiżlazzjoni riċenti u (ii) fir-regoli nazzjonali ekwivalenti ta' implimentazzjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-produzzjoni organika.

L-erja agrikola totali użata tal-impriża li qed tiġi konvertita għal metodi ta' produzzjoni ta' biedja organika u li għandha tiġi ċertifikata skont ir-regoli nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea

Dik il-parti tal-erja agrikola użata tal-impriża li fuqha jiġu applikati metodi ta' biedja organika, iżda fejn ikun għadu ma ġiex ikkompletat il-perjodu ta' tranżizzjoni meħtieġ biex ikun hemm konformità sħiħa mal-prinċipji tal-produzzjoni organika fil-livell tal-farm kif stabbilit (i) fir-Regolament (KE) Nru 834/2007 jew, fejn applikabbli, fl-aktar leġiżlazzjoni riċenti u (ii) fir-regoli nazzjonali ekwivalenti ta' implimentazzjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-produzzjoni organika.

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).

L-erja tal-impriża li fiha l-metodi ta' produzzjoni tal-agrikoltura organika skont ir-regoli nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropa qed jiġu applikati u ċertifikati, jew qed jiġu kkonvertiti qabel jiġu ċertifikati

L-erja agrikola użata tal-impriża li fuqha metodi ta' biedja organika jkunu qed jiġu applikati u ċertifikati, jew ikunu qed jiġu kkonvertiti qabel jiġu ċertifikati skont ċertu standards u regoli fissi speċifikati (i) fir-Regolament (KE) Nru 834/2007 jew, fejn applikabbli, fl-aktar leġiżlazzjoni riċenti u (ii) skont ir-regoli nazzjonali ekwivalenti ta' implimentazzjoni dwar il-produzzjoni organika li għandhom jiġu maqsuma skont il-kategoriji tal-għelejjel.

Il-kategoriji differenti ta' għelejjel għall-produzzjoni organika huma elenkati hawn taħt. Nota: l-għelejjel huma definiti fit-Taqsima II. Art.

Ċereali għall-produzzjoni tal-qamħ (inklużi ż-żrieragħ)

Legumi mnixxfin u għelejjel li fihom il-proteini għall-produzzjoni tal-qamħ (inklużi ż-żrieragħ u t-taħlitiet ta' ċereali u legumi)

Patata (inklużi l-patata bikrija u l-patata taż-żrigħ)

Pitravi zokkrija (eskluża ż-żerriegħa)

Għelejjel ta' żrieragħ għall-produzzjoni taż-żejt

Ħxejjex friski, bettieħ u frawli

Bur u mergħat, għajr bwar mhux ikkultivati

Pjantaġġuni tal-frott u tal-frott żgħir tal-bosk

Pjantaġġuni taċ-ċitru

Pjantaġġuni taż-żebbuġ

Vinji

Għelejjel oħrajn (għelejjel għall-produzzjoni ta' fibri, eċċ.) inklużi bwar mhux ikkultivati

Metodi ta' produzzjoni organika applikati għall-produzzjoni tal-annimali u ċċertifikati skont ir-regoli nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea

L-għadd ta' annimali li jitrabbew fuq l-art tal-impriża fejn parti tal-produzzjoni tal-annimali jew il-produzzjoni tal-annimali kolha kemm hi hija konformi bis-sħiħ mal-prinċipji tal-produzzjoni organika fil-livell tal-farm, kif stabbilit (i) fir-Regolament (KE) Nru 834/2007 jew, fejn applikabbli, fl-aktar leġiżlazzjoni riċenti u (ii) fir-regoli nazzjonali ekwivalenti dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-produzzjoni organika, li għandhom jiġu maqsuma skont il-kategoriji tal-annimali.

Id-definizzjonijiet ta' bhejjem jingħataw fit-Taqsima III. Bhejjem.

Annimali bovini

Ħnieżer

Nagħaġ u mogħoż

Tjur

Annimali oħra

Id-destinazzjoni tal-produzzjoni tal-impriża

L-unitajiet domestiċi jikkonsmaw iktar minn 50 % tal-valur tal-produzzjoni finali tal-impriża

L-unità domestika hija l-unità tal-familja li huwa parti minnha d-detentur u li bħala parti minnha l-membri tal-unità domestika jgħixu fl-istess akkomodazzjoni, jaqsmu parti mid-dħul u l-ġid tagħhom, jew id-dħul u l-ġid kollu tagħhom, u jikkonsmaw ċerti tipi ta' oġġetti u servizzi b'mod kollettiv, l-aktar l-akkomodazzjoni u l-ikel.

Il-produzzjoni finali, hekk kif issir referenza għaliha skont din il-karatteristika, issegwi d-definizzjoni ta' produzzjoni li tista' tintuża fil-kontabbiltà ekonomika għall-agrikoltura ([1]).

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikolutra fil-Komunità (ĠU L 33, 5.2.2004, p. 1).

Il-bejgħ dirett lill-konsumaturi finali jirrappreżenta iktar minn 50 % tal-bejgħ totali tal-impriża

Il-bejgħ dirett lill-konsumatur finali jfisser il-bejgħ mill-impriża ta' prodotti agrikoli li jiġu prodotti mill-impriża stess, kemm jekk dawn ikunu pproċessati kif ukoll jekk le, direttament lill-konsumaturi biex jikkonsmawhom huma stess. Dan il-perċentwal għandu jiġi kkalkulat fuq il-valur imkejjel fi flus, irrispettivament minn jekk il-ħlas għal dan il-bejgħ ikunx sar fi flus, in natura jew permezz ta' metodi oħra.

II. **ART**

L-erja totali tal-impriża tikkonsisti mill-erja agrikola użata (art li tinħadem, mergħat permanenti, għelejjel permanenti u ġonna kulinarji) u minn art oħra (art agrikola mhux użata, imsaġar u art oħra).

Art li tinħadem

Art maħduma (maħruta jew mgħażqa) b'mod regolari, ġeneralment bħala parti minn sistema ta' newba tal-għelejjel.

In-newba tal-għelejjel hija prattika fejn l-għelejjel annwali mkabbra f'għalqa speċifika jiġu alternati skont mudell jew sekwenza ppjanata fi snin suċċessivi tal-għelejjel sabiex ma jitkabbrux għelejjel tal-istess speċi fl-istess għalqa mingħajr interruzzjoni. Normalmentl-għalejjel jinbidlu kull sena, iżda dan jista' wkoll ikun multi-annwali. Biex tkun tista' ssir distinzjoni bejn art li tinħadem u għelejjel permanenti jew bur permanenti, jintuża perjodu limitu ta' ħames snin. Dan ifisser li jekk ġonta raba' tintuża għall-istess għelejjel għal ħames snin jew aktar, mingħajr ma fil-frattemp jitneħħew l-għelejjel preċedenti u mingħajr ma jiġu stabbiliti oħrajn ġodda, dik il-ġonta raba' ma titqiesx bħala art li tinħadem.

Ċereali għall-produzzjoni tal-qamħ (inklużi ż-żrieragħ)

Kull erja li fiha ċereali li jinħasdu niexfa għall-qamħ, ikun xi jkun l-użu previst tiegħu, għandha tiġi rreġistrata hawn (inkluż ċereali użati għall-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli).

Qamħ komuni u spelt

Triticum aestivum L. emend. Fiori et Paol., *Triticum spelta* L. u *Triticum monococcum* L.

Qamħ durum

Triticum durum Desf.

Segala

Secale cereale L., inkluż taħlitiet ta' segala u ċereali oħrajn li jinżergħu fil-ħarifa.

Xgħir

Hordeum vulgare L.

Ħafur

Avena sativa L., inkluż taħlitiet ta' ħafur u ċereali oħrajn li jinżergħu fir-rebbiegħa.

Żerriegħa tal-qamħirrun

Qamħirrun (*Zea mays* L.) maħsud għall-qamħ.

Ross

Oryza sativa L.

Ċereali oħrajn għall-produzzjoni tal-qamħ

Ċereali miżrugħa f'għelejjel puri, maħsuda niexfa għall-qamħ, u li mhumiex irreġistrati band'oħra taħt l-intestaturi ta' hawn fuq.

Legumi mnixxfin u għelejjel li fihom il-proteini għall-produzzjoni tal-qamħ (inklużi ż-żrieragħ u t-taħlitiet ta' ċereali u legumi)

Ħsad miżrugħ u maħsud l-aktar għall-kontenut tal-proteini tiegħu.

Kull erja li fiha għelejjel ta' legumi mnixxfin u għelejjel li fihom il-proteini li jiġu maħsuda niexfa għall-qamħ, ikun xi jkun l-użu previst tiegħu, għandha tiġi rreġistrata hawn (inkluż għelejjel użati għall-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli).

Fosthom il-piżelli, il-ful u l-lupin ħelu

Pisum sativum L., *Vicia faba* L., *Lupinus* spp., miżrugħa f'għelejjel puri, maħsuda niexfa għall-qamħ.

Patata (inklużi l-patata bikrija u l-patata taż-żrigħ)

Solanum tuberosum L.

Pitravi zokkrija (eskluża ż-żerriegħa)

Beta vulgaris L. maħsuba għall-industrija taz-zokkor u għall-produzzjoni tal-alkoħol (inkluż il-produzzjoni tal-enerġija).

Għeruq tal-għalf u brassiki (eskluża ż-żerriegħa)

Pitravi tal-għalf (*Beta vulgaris* L.) u pjanti tal-familja Brassicae maħsuda primarjament għall-għalf, irrispettivament minn jekk jiġix maħsud l-għerq jew iz-zokk, u pjanti oħra kkoltivati l-aktar għall-għeruq tagħhom għal użu bħala għalf, mhux imsemmija band'oħra.

Għelejjel industrijali

Għelejjel li normalment ma jinbigħux direttament għall-konsum għaliex jeħtieġ li jiġu pproċessati b'metodi industrijali qabel l-użu finali.

Kull erja li fiha jsir il-ħsad ta' għelejjel industrijali, ikun xi jkun l-użu previst tagħhom, għandha tiġi rreġistrata hawn (inkluż għelejjel użati għall-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli).

Tabakk

Nicotiana tabacum L.

Ħops

Humulus lupulus L.

Qoton

Gossypium spp., maħsud għall-fibra kif ukoll għaż-żerriegħa taż-żejt.

Nevew u liftija tan-nevew

Brassica napus L. (partim) u *Brassica rapa* L. var. *sylvestris* (Lam.) Briggs, imkabbra għall-produzzjoni taż-żejt, maħsuda bħala qamħ niexef.

Ġirasol

Helianthus annuus L., maħsuda bħala qamħ niexef.

Soja

Glycine max L. Merril, maħsuda bħala qamħ niexef.

Żerriegħa tal-kittien (kittien għaż-żejt)

Linum usitatissimum L., varjetajiet imkabbra l-aktar għall-produzzjoni taż-żejt, maħsuda bħala qamħ niexef.

Għelejjel oħra ta' żrieragħ għall-produzzjoni taż-żejt

Għelejjel oħra mkabbra l-aktar għall-kontenut tagħhom ta' żejt, maħsuda bħala qamħ niexef, li mhumiex imsemmija band'oħra.

Kittien

Linum usitatissimum L., varjetajiet imkabbra l-aktar għall-produzzjoni tal-ħjut.

Qanneb

Cannabis sativa L.

Għelejjel oħra għall-produzzjoni tal-fibri

Pjanti oħra mkabbra l-aktar għall-kontenut tagħhom ta' fibra, li mhumiex imsemmija band'oħra.

Pjanti aromatiċi, mediċinali u kulinarji

Pjanti u partijiet ta' pjanti għal skopijiet farmaċewtiċi, għall-manifattura ta' fwejjaħ jew għall-konsum mill-bniedem.

Il-pjanti kulinarji huma distinti mill-ħxejjex minħabba li jintużaw f'ammonti żgħar u, aktar milli bħala ikel, jintużaw biex jagħtu t-togħma.

Għelejjel industrijali oħra li mhumiex imsemmija band'oħra

Għelejjel oħra industrijali li mhumiex imsemmija band'oħra.

Żoni ta' għelejjel użati b'mod esklussiv għall-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli huma inklużi.

Ħxejjex friski, bettieħ u frawli li minnhom:

Jinsabu fil-beraħ jew taħt għata ta' protezzjoni baxxa (mhux aċċessibbli)

Ħxejjex friski, bettieħ u frawli, li jinsabu fil-beraħ jew taħt għata ta' protezzjoni baxxa (mhux aċċessibbli).

Fil-beraħ

Ħxejjex friski, bettieħ u frawli mkabbra fuq art li tinħadem bħala parti minn newba tal-għelejjel ma' għelejjel agrikoli oħra.

Ġardinaġġ kummerċjali

Ħxejjex friski, bettieħ u frawli mkabbra fuq art li tinħadem bħala parti minn newba tal-għelejjel ma' għelejjel ortikulturali biss.

Taħt għata ta' protezzjoni magħmula mill-ħġieġ jew minn materjal ieħor (aċċessibbli)

Għelejjel li għall-perjodu kollu tat-tkabbir tagħhom, jew għal parti predominanti minnu, jinżammu f'serer jew huma mgħottija b'għata għolja fissa jew mobbli (magħmula mill-ħġieġ jew minn plastik riġidu jew flessibbli).

Fjuri u pjanti ornamentali (esklużi l-imxietel)

Jinsabu fil-beraħ jew taħt għata ta' protezzjoni baxxa (mhux aċċessibbli)

Fjuri u pjanti tat-tiżjin (għajr mixtliet), li jinsabu fil-beraħ jew taħt għata ta' protezzjoni baxxa (mhux aċċessibbli).

Taħt għata ta' protezzjoni magħmula mill-ħġieġ jew minn materjal ieħor (aċċessibbli)

Fjuri u pjanti tat-tiżjin (għajr mixtliet), li għall-perjodu kollu tat-tkabbir tagħhom, jew għal parti predominanti minnu, jinżammu f'serer jew huma mgħottija b'għata għolja fissa jew mobbli (magħmula mill-ħġieġ jew minn plastik riġidu jew flessibbli).

Pjanti li jinħasdu fi stadju bikri

L-għelejjel kollha minn art li tinħadem li jinħasdu 'ħodor' u li huma primarjament maħsuba għall-għalf tal-annimali, għall-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli (pereżempju l-produzzjoni ta' bijomassa minn qamħirrun aħdar) jew bħala fertilizzant billi jitħallew fl-għelieqi wara l-ħrit huma inklużi hawnhekk, u jikkonsistu minn ċereali, ħaxix, pjanti leguminużi jew pjanti industrijali u għelejjel oħra minn art li tinħadem li jkunu ġew maħsuda u/jew li jintużaw meta jkunu għadhom ta' lewn aħdar.

L-għelejjel għandhom jitkabbru ma' għelejjel oħra b'sistema ta' rotazzjoni, u għandhom jokkupaw l-istess ġonta raba' għal perjodu ta' inqas minn ħames snin (għelejjel annwali jew multiannwali tal-għalf).

Għelejjel li jinbiegħu jew għal użu dirett fuq artijiet ta' impriżi agrikoli oħrajn jew li jinbiegħu lill-industrija u li ma jintużawx fl-impriża huma inklużi.

Ħaxix temporanju

Pjanti ta' ħaxix għar-ragħa, ħuxlief jew foraġġ insilat inklużi bħala parti minn newba tal-għelejjel normali, li jservu mill-inqas għal sena ta' ħsad u għal inqas minn ħames snin, miżrugħa ma' ħaxix jew taħlitiet ta' ħaxix. L-erji jiġu ppreparati permezz tal-ħrit jew permezz ta' metodi oħra ta' tgħażiq, jew il-pjanti jinqerdu b'mezzi oħrajn, bħal perżempju permezz tal-erbiċidi, qabel ma jerġgħu jinżergħu.

Taħlitiet ta' pjanti predominentement tal-ħaxix u ħsad ieħor għar-ragħha (normalment leguminużi), mirgħa, maħsuda ħodor jew bħala ħuxlief niexef huma inklużi hawn.

Pjanti oħrajn tal-ħsad bikri

Għelejjel oħra annwali jew multiannwali (ta' inqas minn ħames snin) li jiġu maħsuda fi stadju bikri kif deskritt taħt Pjanti oħrajn tal-ħsad bikri.

Qamħirrun aħdar

Il-forom kollha ta' qamħirrum (*Zea mays* L.) li jitkabbru għall-foraġġ insilat u li ma jiġux maħsuda għall-qamħ (ċifċiegħ sħiħ, partijiet mill-pjanta jew il-pjanta sħiħa).

Dan jinkludi qamħirrum aħdar ikkonsmat direttament mill-annimali (mingħajr ħażna) u ċifċiegħ sħiħ (qamħ, rachis, qoxra) maħsud għall-għalf jew għall-ħażna, kif ukoll għall-enerġija rinnovabbli.

Pjanti leguminużi

Pjanti leguminużi mkabbra u maħsuda fi stadju bikri bħala pjanti sħiħ, l-aktar għall-għalf jew l-enerġija, jew għal użu bħala fertilizzant.

Taħlitiet ta' għelejjel u pjanti tal-ħaxix predominentement leguminużi (normalment > 80 %), maħsuda fi stadju bikri jew bħala ħuxlief imnixxef huma inklużi hawn.

Pjanti oħrajn tal-ħsad bikri li mhumiex imsemmija band'oħra

Għelejjel oħra minn art li tinħadem, maħsuba bħala għalf għall-annimali, maħsuda fi stadju bikri u mhux imsemmija band'oħra.

Żrieragħ u nebbieta fuq art li tinħadem

Żoni li jipproduċu żrieragħ u nebbieta għall-bejgħ, għajr ċereali, ross, legumi, patata u żerriegħa taż-żejt. Żoni ta' foraġġ aħdar maħsud għaż-żrieragħ, għeruq maħsuda għaż-żrieragħ, żrieragħ u nebbieta ta' ħxejjex u fjuri għall-bejgħ, eċċ. huma inklużi hawn.

Għelejjel oħra ta' art li tinħadem

Għelejjel li mhumiex inklużi band'oħra.

Art mistrieħa

L-art kollha li tinħadem li jew hija inkluża fis-sistema tan-newba tal-għelejjel jew li tinżamm f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (GAEC ([1])), kemm jekk tkun maħduma kif ukoll jekk le, iżda mingħajr il-ħsieb li jiġi prodott ħsad minnha għal perjodu ta' sena ta' ħsad.

Il-karatteristika essenzjali ta' art li mhix qed tinħadem hija li titħalla tirkupra, normalment għat-tul kollu ta' sena tal-ħsad.

Art li mhix qed tinħadem tista' tkun:

1. art għerja li ma fiha l-ebda għelejjel;

2. art bi pjanti li jikbru fuqha b'mod spontanju u naturali, li jistgħu jintużaw bħala għalf jew jinħartu għal ġol-art;

3. art miżrugħa esklussivament għall-produzzjoni ta' demel aħdar (art ħadra mistrieħa).

Ġonna kulinarji

Żoni dedikati għall-kultivazzjoni ta' prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum proprju mid-detentur u mill-unità domestika tiegħu, li normalment ikunu maqtugħin mill-bqija tal-art agrikola u jkunu jintgħarfu bħala ġonna kulinarji.

Huma biss prodotti okkażjonali żejda li ġejjin minn din l-erja li jinbiegħu mill-impriża. L-erji kollha li minnhom il-prodotti jiġu kkummerċjalizzati b'mod konsistenti jsibu posthom taħt intestaturi oħra, anki jekk parti mill-produzzjoni tiġi kkonsmata mid-detentur u mill-unità domestika tiegħu.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008, (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

Bwar permanenti

Art użata fuq bażi permanenti (għal ħames snin jew aktar) biex fuqha jitkabbru għelejjel ta' foraġġ erbaċew permezz tal-kultivazzjoni (permezz taż-żrigħ) jew b'mod naturali (żrigħ minnu nnifsu), u li mhijiex inkluża fin-newba tal-għelejjel fl-impriża.

L-art tista' tintuża għar-ragħa, tista' tiġi maħsuda għall-foraġġ insilat u l-ħuxlief jew tintuża għall-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli.

Bwar u mruġ, għajr għall-bwar mhux ikkultivati

Mergħat permanenti fuq ħamrija ta' kwalità tajba jew medja. Normalment, dawn l-erji jistgħu jintużaw għal ragħa intensiv.

Bwar mhux ikkultivati

Bwar permanenti ta' produzzjoni baxxa, normalment b'ħamrija ta' kwalità baxxa, bħal fuq art fit-tlajja' u f'altitudnijiet għoljin, li normalment ma jkunux imtejba b'fertilizzant jew permezz ta' kultivazzjoni, żrigħ mill-ġdid jew tneħħija tal-ilma.

Dawn l-erji normalment jistgħu jintużaw biss għar-ragħha estensiv, u s-soltu ma jiġux maħsuda, jew jiġu maħsuda b'mod estensiv; il-produzzjoni tagħhom ma sservix biex jgħixu minnha densità għolja ta' annimali.

Bwar permanenti li m'għadhomx jintużaw għal skopijiet ta' produzzjoni u li huma eliġibbli għall-ħlas ta' sussidji

Erji ta' bwar permanenti u mergħat permanenti li m'għadhomx jintużaw għal skopijiet ta' produzzjoni u li, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 [1] jew, fejn applikabbli, skont l-iktar leġiżlazzjoni riċenti, huma miżmuma f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba u huma eliġibbli għal appoġġ finanzjarju.

Għelejjel permanenti

Għelejjel li ma jitkabbrux b'newba, għajr bwar permanenti, li jokkupaw il-ħamrija għal żmien twil u jrendu għelejjel tul diversi snin.

Pjantaġġuni tal-frott u tal-frott żgħir tal-bosk

Erji li fihom siġar, arbusti u pjanti perennjali tal-frott żgħir tal-bosk għajr frawli għall-produzzjoni tal-frott. L-imsaġar jistgħu jkunu tat-tip kontinwu, bi spazjar minimu bejn is-siġar, jew tat-tip mhux kontinwu bi spazjar wiesa'.

Speċijiet ta' frott, fosthom:

Frott minn żoni klimatiċi moderati

Pjantaġġuni ta' siġar tal-frott, li tradizzjonalment jiġu kkultivati u maħsuda fi klimi moderati għall-produzzjoni tal-frott.

Frott minn żoni klimatiċi sottotropikali

Pjantaġġuni ta' siġar tal-frott, li tradizzjonalment jiġu kkultivati u maħsuda fi klimi sottotropikali għall-produzzjoni tal-frott.

Speċijiet ta' frott żgħir tal-bosk

Pjantaġġuni tal-pjanti tal-frott żgħir tal-bosk, li tradizzjonalment jiġu kkultivati u maħsuda kemm fi klimi moderati kif ukoll fi klimi sottotropikali għall-produzzjoni ta' frott żgħir tal-bosk.

Ġewż

Pjantaġġuni ta' siġar tal-ġewż, li tradizzjonalment jiġu kkultivati u maħsuda kemm fi klimi moderati kif ukoll fi klimi sottotropikali.

Pjantaġġuni taċ-ċitru

Pjantaġġuni ta' *Citrus* spp.

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' sostenn dirett taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1).

Pjantaġġuni taż-żebbuġ

Pjantaġġuni ta' *Olea europaea* L.

Li normalment jipproduċu żebbuġ tal-mejda

Pjantaġġuni ta' varjetajiet li normalment jitkabbru għall-produzzjoni ta' żebbuġ tal-mejda.

Li normalment jipproduċu żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt

Pjantaġġuni ta' varjetajiet li normalment jitkabbru għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa.

Vinji, li minnhom normalment jipproduċu:

Pjantaġġuni ta' *Vitis vinifera* L.

Inbejjed ta' kwalità

Varjetajiet ta' għeneb li normalment jitkabbru għall-produzzjoni ta' nbejjed b'denominazzjoni protetta ta' oriġini (DPO) li huma konformi mar-rekwiżiti (i) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 ([1]) jew, fejn applikabbli, mal-aktar leġiżlazzjoni riċenti u (ii) mar-regoli nazzjonali korrispondenti.

Varjetajiet ta' għeneb li normalment jitkabbru għall-produzzjoni ta' nbejjed b'indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) li huma konformi mar-rekwiżiti (i) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 jew, fejn applikabbli, mal-aktar leġiżlazzjoni riċenti u (ii) mar-regoli nazzjonali korrispondenti.

Inbejjed oħra

Varjetajiet ta' għeneb li normalment jitkabbru għall-produzzjoni ta' inbejjed għajr inbejjed DPO u IĠP.

Għeneb tal-mejda

Varjetajiet ta' għeneb li normalment jitkabbru għall-produzzjoni ta' għeneb frisk.

Żbib

Varjetajiet ta' għeneb li normalment jitkabbru għall-produzzjoni ta' żbib.

Imxietel

Erji ta' pjanti żgħar lenjużi (b'kontenut relattivament għoli ta' njam) imkabbra fil-beraħ għal trapjanti sussegwenti:

(a) mixtliet ta' dwieli u għeruq;

(b) mixtliet ta' siġar tal-frott u frott tal-bosk;

(c) mixtliet ta' pjanti tat-tiżjin;

(d) mixtliet kummerċjali ta' siġar tal-foresti (esklużi dawk għar-rekwiżiti tal-impriża stess imkabbra f'art imsaġġra);

(e) siġar u arbusti għat-tħawwil f'ġonna, parks, mat-toroq u fuq ċnut (pereżempju pjanti għall-formazzjoni ta' ringieli ta' sġajriet, siġar tal-ward u arbusti tat-tiżjin oħra, koniferi tat-tiżjin), inkluż fil-każijiet kollha l-istokkijiet (l-għeruq) u n-nebbieta żgħar tagħhom.

Għelejjel permanenti oħra

Għelejjel permanenti mkabbra fil-beraħ għajr dawk imniżżla taħt l-intestatura ta' hawn fuq, u b'mod partikolari dawk li jintużaw għall-immaljar jew l-insiġ, li l-ħsad tagħhom ġeneralment isir kull sena, kif ukoll siġar imħawla fl-erja agrikola użata għal skopijiet kummerċjali bħala siġar tal-Milied.

Għelejjel permanenti taħt il-ħġieġ

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 tad-29 ta' April 2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1493/1999, (KE) Nru 1782/2003, (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 3/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2392/86 u (KE) Nru 1493/1999 (ĠU L 148, 6.6.2008, p. 1).

Art oħra

'Art oħra' tinkludi art agrikola mhux użata (art agrikola li m'għadhiex tinħadem, għal raġunijiet ekonomiċi, soċjali jew oħrajn, u li ma tintużax fis-sistema tan-newba tal-għelejjel), imsaġar u art okkupata minn bini, artijiet tal-irziezet, passaġġi, għadajjar, barrieri, art mhux għammiela, blat, eċċ.

Art agrikola mhux użata

Erja li qabel intużat għal skopijiet agrikoli u li matul is-sena bażi tal-istħarriġ ma baqgħetx tinħadem għal raġunijiet ekonomiċi, soċjali jew oħrajn, u li ma tintużax fis-sistema tan-newba tal-għelejjel, jiġifieri art li minnha mhu maħsub li jsir ebda użu agrikolu.

Din l-art tista' tinġieb lura għal użi ta' kultivazzjoni bl-użu tar-riżorsi normalment disponibbli f'impriża agrikola.

Imsaġar

Erji mgħottija bis-siġar jew b'arbusti tal-foresti, inkluż pjantaġġuni ta' siġar tal-luq u ta' siġar simili ġewwa jew barra mill-boskijiet u mixtliet tas-siġar tal-foresti mkabbra fil-boski għall-ħtiġijiet proprji tal-impriża, kif ukoll faċilitajiet tal-foresti (toroq tal-foresti, faċilitajiet għall-ħżin tal-injam, eċċ.).

li minnhom imsaġar ta' newba qasira

Imsaġar ġestiti għat-tkabbir ta' siġar, fejn il-perjodu tan-newba hu ta' 20 sena jew inqas.

Il-perijodu tan-newba huwa ż-żmien bejn l-ewwel żriegħ/it-tħawwil tas-siġar u l-ħsad tal-prodott finali, fejn il-ħsad ma jinkludix azzjonijiet ta' ġestjoni bħall-qtugħ li jnaqqas l-ammont ta' siġar.

Artijiet oħra (artijiet okkupati minn bini, artijiet tal-irziezet, passaġġi, għadajjar, barrieri, art mhux għammiela, blat, eċċ.)

Il-partijiet kollha tal-erja totali li hija l-proprjetà tal-impriża agrikola li mhuma la erja agrikola użata, la erja mhux użata u lanqas imsaġar.

Faqqiegħ

Faqqiegħ ikkoltivat imkabbar f'bini li jkun inbena jew li jkun ġie addattat b'mod speċjali għal-dak l-iskop, kif ukoll f'postijiet taħt l-art, f'għerien u f'kantini.

Għelejjel enerġetiċi (għall-produzzjoni ta' bijokarburanti jew ta' tipi oħra ta' enerġija rinnovabbli)

Iż-żona ta' produzzjoni ta' għelejjel enerġetiċi speċifiċi mhux użati għal skopijiet oħra ħlief għal dawk tal-produzzjoni tal-enerġija, u li jiġu kkultivati fuq art agrikola li tinħadem.

Raba' saqwi

Erja saqwija totali

L-erja agrikola totali massima wżata li tista' tissaqqa fis-sena bażi bl-użu tat-tagħmir u tal-kwantità ta' ilma li normalment ikunu disponibbli għand l-impriża.

Erja agrikola totali kkultivata msaqqija tal-anqas darba fl-aħħar 12-il xahar

L-erja ta' għelejjel li fil-fatt ġew imsaqqija tal-anqas darba fl-aħħar 12-il xahar qabel id-data ta' referenza tal-istħarriġ.

Metodi ta' tisqija użati:

Tisqija tal-wiċċ (għargħar, raddiet)

It-tmexxija tal-ilma tul wiċċ l-art, jew permezz tat-tfawwir bl-ilma tal-erja kollha jew billi l-ilma jitmexxa bis-saħħa tal-gravità tul raddiet żgħar bejn il-fillieri tal-għelejjel.

Tisqija bil-friefet

It-tisqija tal-pjanti permezz tat-tixrid ta' ilma taħt pressjoni għolja fil-forma ta' xita fuq il-ġonot ta' raba'.

Tisqija bil-qatra

It-tisqija tal-pjanti billi l-ilma jitqiegħed ħdejn il-pjanti qatra b'qatra, permezz ta' friefet żgħar għat-tisqija jew billi jiġu ffurmati kondizzjonijiet simili għal dawk ta' ċpar.

Sors ta' ilma għat-tisqija użat fl-impriża:

Is-sors tal-ilma kollu għat-tisqija, jew tal-biċċa l-kbira minnu, li jintuża fl-impriża.

Ilma ta' taħt l-art fl-impriża agrikola

Sorsi ta' ilma li jinsabu fuq jew ħdejn l-impriża, li jagħmlu użu minn ilma li jiġi ppumpjat minn bjar imtaqqba jew bjar imħaffra, jew ilma minn għejun ta' ilma naturali ta' taħt l-art li jimxi mingħajr xkiel, jew simili.

Ilma tal-wiċċ fl-impriża agrikola

Għadajjar żgħar naturali jew lqugħ artifiċjali, postati nterament ġo l-impriża jew użati biss mill-impriża.

Ilma tal-wiċċ barra l-impriża agrikola minn għadajjar, xmajjar jew kanali tal-ilma

Ilma ħelu tal-wiċċ (minn lagijiet, xmajjar jew kanali oħra tal-ilma) li ma nħolqox b'mod artifiċjali għal skopijiet ta' tisqija.

Ilma barra l-impriża agrikola minn netwerks komuni għall-forniment tal-ilma

Sorsi ta' ilma li ġejjin minn barra l-impriża, għajr dawk imsemmija f' 'Ilma tal-wiċċ barra l-impriża agrikola minn għadajjar, xmajjar jew kanali tal-ilma', u li huma aċċessibbli għal mill-anqas żewġ impriżi.

Sorsi oħra

Sorsi oħra ta' ilma għat-tisqija, mhux imsemmija band'oħra. Dawn jistgħu jkunu sorsi melħin ħafna bħall-Atlantiku jew il-Mediterran, f'liema każ l-ilma jiġi ttrattat biex titnaqqas il-konċentrazzjoni tal-melħ (desalinazzjoni) qabel l-użu, jew sorsi ta' ilma salmastru (b'kontenut baxx ta' melħ) bħall-Baħar Baltiku u ċerti xmajjar, li l-ilma tagħhom jista' jintuża direttament, mingħajr ma jiġi trattat. Jista' jkun ukoll li l-ilma jkun għadda minn proċess ta' trattament tal-ilma mormi, u li jitwassal għand il-konsumatur bħala ilma mormi riġenerat.

III. **BHEJJEM**

L-għadd ta' annimali ta' produzzjoni li jinsabu taħt il-pussess dirett jew taħt il-ġestjoni diretta tal-impriża fid-data ta' referenza tal-istħarriġ.

L-annimali mhumiex neċessarjament il-proprjetà tal-pussessur. Dawn l-annimali jistgħu jkunu fuq l-art tal-impriża (fuq erji agrikoli użati jew f'bini għall-annimali użat mill-impriża) jew barra l-art tal-impriża (fuq mergħat komuni jew fi triq ta' migrazzjoni, eċċ.).

Ekwidi

Annimali domestiċi tal-familja Equidae, tal-ġeneru *Equus* (żwiemel, ħmir, eċċ.).

Annimali bovini

Annimali domestiċi tal-ispeċiiet *Bos taurus* u *Bubalus bubalus*, inkluż ibridi bħall-Beefalo.

Annimali bovini, ta' età ta' inqas minn sena, ta' sess maskil jew femminil

Annimali bovini, ta' età ta' bejn sena u sentejn, ta' sess maskil

Annimali bovini, ta' età ta' sena iżda ta' inqas minn sentejn, ta' sess femminil

Annimali bovini ta' sess maskil, ta' età ta' sentejn jew aktar

Erieħ, ta' età ta' sentejn jew aktar

Bovini femminili ta' sentejn jew aktar li għadhom ma welldux.

Baqar tal-ħalib

Annimali bovini ta' sess femminil li diġà welldu (inklużi dawk ta' età ta' inqas minn sentejn) u li, minħabba r-razza jew il-kwalitajiet partikolari tagħhom jinżammu biss jew prinċipalment biex jipproduċu l-ħalib għall-konsum mill-bniedem, jew ħalib maħsub biex jiġi pproċessat fi prodotti tal-ħalib.

Baqar oħra

Annimali bovini ta' sess femminil li diġà welldu (inkluż dawk ta' età ta' inqas minn sentejn) u li minħabba r-razza jew il-kwalitajiet partikolari tagħhom jinżammu biss jew prinċipalment biex jipproduċu l-għoġġiela, u li l-ħalib tagħhom mhuwiex maħsub għall-konsum mill-bniedem jew biex jiġi pproċessat fi prodotti tal-ħalib.

Nagħaġ u mogħoż

Nagħaġ (ta' kull età)

Annimali domestiċi tal-ispeċi *Ovis aries*.

Nagħaġ għat-tgħammir

Nagħaġ u ħrief tan-nagħaġ li jiġu mgħammra mal-imtaten.

Nagħaġ oħra

In-nagħaġ kollha għajr nagħaġ għat-tgħammir.

Mogħoż (ta' kull età)

Annimali domestiċi tas-sottospeċi *Capra aegagrus hircus*.

Nagħaġ għat-tgħammir

Mogħoż li diġà welldu gidien u mogħoż li ġew mgħammra.

Mogħoż oħra

Il-mogħoż kollha għajr mogħoż għat-tgħammir.

Ħnieżer

Annimali domestiċi tal-ispeċi *Sus scrofa domesticus*.

Qżieqeż li għandhom piż ħaj ta' inqas minn 20 kilogramm

Qżieqeż li ġeneralment għandhom piż ħaj ta' inqas minn 20 kilogramm.

Ħnieżer tal-għalla ta' piż ta' 50 kilogramm jew aktar

Ħnieżer ta' sess femminil ta' piż ta' 50 kilogramm jew aktar maħsuba għal skopijiet ta' tnissil, kemm jekk ikunu welldu kif ukoll jekk le.

Ħnieżer oħra

Ħnieżer mhux speċifikati band'oħra.

Tjur

Brojlers

Annimali domestiċi tal-ispeċi *Gallus gallus* li jinżammu għall-produzzjoni tal-laħam.

Tiġieġ tal-bajd

Annimali domestiċi tal-ispeċi *Gallus gallus* li laħqu l-età ta' maturità biex ibidu, u li jinżammu għall-produzzjoni tal-bajd.

Tjur oħra

Tjur mhux imsemmija taħt Brojlers jew taħt Tiġieġ tal-bajd.

Dundjani

Annimali domestiċi tal-ispeċi *Meleagris*.

Papri

Annimali domestiċi tal-ispeċijiet *Anas* u *Cairina moschata*.

Wiżż

Annimali domestiċi tal-ispeċje *Anser anser* dom.

Nagħm

Nagħm (*Struthio camelus*).

Tjur ieħor, mhux imsemmi band'oħra

Fniek, nisa għat-tgħammir

Fniek ta' sess femminil (tal-ispeċi *Oryctolagus*) għall-produzzjoni ta' fniek għal-laħam u li welldu.

Naħal

Numru ta' doqqajs okkupati miż-żunżan (*Apis mellifera*) miżmuma għall-produzzjoni tal-għasel.

Bhejjem mhux imsemmija band'oħra

Kwalunkwe bhejjem għall-produzzjoni mhux imsemmija band'oħra.

IV. FORZA TAX-XOGĦOL

(i) XOGĦOL TAR-RAZZETT FL-IMPRIŻA

Il-forza tax-xogħol tar-razzett

Il-forza tax-xogħol tar-razzett fl-impriża tinkludi l-persuni kollha li lestew l-edukazzjoni obbligatorja (li laħqu l-età fejn jitilqu mill-iskola) u li wettqu xogħol tar-razzett fl-impriża matul it-12-il xahar li jagħlqu fid-data ta' referenza tal-istħarriġ.

Sakemm il-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tindikax età minima għall-edukazzjoni obbligatorja full-time u part-time, l-età konvenzjonali ta' tluq mill-iskola għandha titqies li hi ta' 15-il sena.

Detenturi uniċi li ma jwettqux xogħol tar-razzett fl-impriża jiġu rreġistrati fl-istħarriġ, iżda ma jingħaddux fil-'Forza tax-xogħol totali tar-razzett'.

Il-persuni kollha ta' età tal-irtirar li jkomplu jaħdmu fl-impriża huma inklużi fil-forza tax-xogħol tar-razzett.

Persuni li jaħdmu fl-impriża iżda li huma impjegati minn partijiet terzi jew skont arranġamenti ta' għajnuna reċiproka (pereżempju manodopera pprovduta minn kuntratturi jew kooperattivi agrikoli) mhumiex inklużi.

Xogħol tar-razzett

Ix-xogħol tar-razzett huwa kull tip ta' ħidma fl-impriża li tikkontribwixxi jew lejn (i) l-attivitajiet kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1166/2008, lejn (ii) iż-żamma tal-mezzi tal-produzzjoni, jew lejn (iii) l-attivitajiet li huma derivati direttament minn dawn l-azzjonijiet produttivi.

Il-ħin użat għal xogħol tar-razzett fl-impriża

Il-ħin użat għal xogħol tar-razzett fl-impriża huwa l-ħin tax-xogħol li jintuża speċifikament għat-twettiq ta' xogħol tar-razzett għall-impriża, bl-esklużjoni ta' xogħol li jsir fl-unitajiet domestiċi tad-detentur jew tal-maniġer.

Unità tax-xogħol annwali (AWU)

L-impjieg ekwivalenti għall-full time, jiġifieri l-għadd totali ta' sigħat maħduma diviżi bejn il-medja annwali tal-għadd ta' sigħat maħduma f'impjiegi full-time fil-pajjiż.

'Full-time' tfisser l-ammont minimu ta' sigħat mitlub mid-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-kuntratti ta' impieg. Jekk dan l-ammont minimu ma jindikax l-għadd ta' sigħat annwali, iċ-ċifra minima għandha tkun ta' 1 800 siegħa (225 jum ta' xogħol ta' tmien sigħat kuljum).

Detentur

Id-detentur huwa dik il-persuna fiżika, grupp ta' persuni fiżiċi jew persuna ġuridika li għaliha u f' isimha l-impriża tiġi operata u li hija legalment u ekonomikament responsabbli għall-impriża, jiġifieri dik il-persuna li tieħu r-riskji ekonomiċi tal-impriża.

Id-detentur jista' jkun il-proprjetarju tal-impriża, jew jikriha jew ikun kerrej fit-tul ereditarju, u jista' jkun ukoll jew użufruttwarju jew depożitarju.

Sess

Età

Ix-xogħol tar-razzett fl-impriża (minbarra x-xogħol tad-dar)

Maniġer

Il-maniġer tal-impriża huwa l-persuna fiżika responsabbli għar-rutini normali ta' kuljum finanzjarji u tal-produzzjoni għall-ġestjoni tal-impriża kkonċernata.

Sess

Età

Ix-xogħol tar-razzett fl-impriża (minbarra x-xogħol tad-dar)

Taħriġ tal-maniġer

Taħriġ agrikolu tal-maniġer

Esperjenza agrikola prattika biss

Esperjenza miksuba permezz ta' xogħol prattiku fl-impriża agrikola.

Taħriġ agrikolu bażiku

Korsijiet ta' taħriġ kompletati f'kulleġġ agrikolu ġenerali u/jew f'istituzzjoni li tispeċjalizza f'ċertu suġġetti (inklużi l-ortikultura, il-vitikultura, is-silvikultura, il-pixxikultura, ix-xjenza veterinarja, it-teknoloġija agrikola u suġġetti assoċjati). Terminu ta' apprendistat agrikolu ikkompletat jitqies bħala li hu taħriġ bażiku.

Taħriġ agrikulturali sħiħ

Kwalunkwe kors ta' taħriġ li jkompli għall-ekwivalenti ta' mill-inqas sentejn taħriġ full-time wara t-tmiem tal-edukazzjoni obbligatorja u u li jkun ġie kkompletat f'kulleġġ agrikolu, università jew istituzzjoni oħra ta' edukazzjoni għolja fl-agrikoltura, l-ortikulutra, il-vitikultura, is-silvikultura, il-pixxikultura, ix-xjenza veterinarja, it-teknoloġija agrikola u suġġetti assoċjati.

Taħriġ vokazzjonali li sar mill-maniġer matul l-aħħar 12–il xahar

It-taħriġ vokazzjonali huwa miżura ta' taħriġ jew attività pprovduta minn ħarrieġ jew minn istituzzjoni ta' taħriġ li bħala għan primarju għandha l-ksib ta' ħiliet ġodda relatati mal-attivitajiet tal-impriża agrikola jew ma' attivitajiet relatati direttament mal-impriża, jew l-iżvilupp u t-titjib ta' ħiliet eżistenti.

Membri tal-familja tad-detentur uniku li jwettqu xogħol tar-razzett fl-impriża

Membri tal-familja tad-detentur uniku, apparti l-konjuġi, li jwettqu xogħol tar-razzett fl-impriża, iżda li mhux neċessarjament jgħixu fuq l-art tal-impriża.

Ġeneralment, il-membri tal-familja tad-detentur huma l-konjuġi, qraba fil-linja axxendenti jew dixxendenti (inklużi dawk biż-żwieġ jew bl-adozzjoni) u l-aħwa tad-detentur jew ta' żewġu/ha.

Żewġ persuni li jgħixu flimkien bħala sħab konjugali iżda li ma jkunux miżżewġin għandhom jiġu trattati bħala konjuġi.

Membri tal-familja tad-detentur uniku li jwettqu xogħol tar-razzett fl-impriża: irġiel

— Ix-xogħol tar-razzett fl-impriża (għajr xogħol tad-dar)

Membri tal-familja tad-detentur uniku li jwettqu xogħol tar-razzett fl-impriża: nisa

— Ix-xogħol tar-razzett fl-impriża (għajr xogħol tad-dar)

Ħaddiema li mhumiex tal-familja, impjegati b'mod regolari

Il-persuni kollha li jwettqu xogħol tar-razzett għal kwalunkwe tip ta' ħlas u li jirċievu kwalunkwe tip ta' ħlas (salarju, paga, profitti jew ħlas ieħor, inkluż ħlas in natura) mill-impriża agrikola, minbarra l-pussessur u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha.

Forza tax-xogħol impjegata b'mod regolari tirreferi għal persuni li wettqu xogħol tar-razzett fl-impriża kull ġimgħa matul il-perjodu ta' 12-il xahar li jintemm fid-data ta' referenza tal-istħarriġ, irrispettivament mit-tul tal-ġimgħa tax-xogħol.

Persuni li ħadmu b'mod regolari għal parti minn dak il-perjodu iżda li, minħabba xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin, ma setgħux jaħdmu għall-perjodu sħiħ huma inklużi wkoll:

1. kondizzjonijiet speċjali għall-produzzjoni (pereżempju l-ispeċjalizzazzjoni fit-tkabbir ta' żebbuġ jew għeneb jew frott u ħxejjex fl-għelieqi fil-beraħ, jew speċjalizzazzjoni fit-tismin ta' bhejjem bil-ħaxix, li teħtieġ manodopera għal numru limitat ta' xhur biss);
2. assenza minħabba raġunijiet relatati ma' vakanzi, servizz militari, mard, inċidenti jew mewt;
3. bidu jew terminazzjoni ta' impjieg mal-impriża (din tkopri wkoll lil ħaddiema li jieqfu jaħdmu għal impriża agrikola biex jibdew jaħdmu għal impriża oħra matul it-12-il xahar qabel il-jum ta' referenza tal-istħarriġ);
4. waqfien totali tax-xogħol fl-impriża minħabba kawżi aċċidentali (għarar, nirien, eċċ.).

Ħaddiema li mhumiex tal-familja, impjegati b'mod regolari: irġiel

— Ix-xogħol tar-razzett fl-impriża (għajr xogħol tad-dar)

Ħaddiema li mhumiex tal-familja, impjegati b'mod regolari: nisa

— Ix-xogħol tar-razzett fl-impriża (għajr xogħol tad-dar)

Ħaddiema li mhumiex tal-familja, impjegati fuq bażi mhux regolari: irġiel u nisa

Persuni mhux impjegati fuq bażi regolari huma ħaddiema li ma ħadmux kull ġimgħa fl-ażjenda agrikola fit-12-il xahar qabel il-jum ta' referenza tal-istħarriġ għal raġunijiet oħra għajr dawk elenkati taħt Ħaddiema li mhumiex tal-familja, impjegati b'mod regolari.

Jiem ta' xogħol maħduma minn forza tax-xogħol mhux tal-familja mhux impjegata fuq bażi regolari huma kull jum ta' tul li għalih ħaddiem huwa mħallas salarju jew kwalunkwe tip ta' rimunerazzjoni (paga, profitti jew ħlas ieħor, inkluż ħlas in natura) għal jum sħiħ ta' xogħol, li jinvolvi t-twettiq ta' xogħol tat-tip li normalment isir minn ħaddiem fil-qasam tal-agrikoltura. Jiem ta' liv u jiem ta' liv minħabba mard ma jgħoddux bħala jiem ta' xogħol.

Jum sħiħ ta' xogħol huwa l-jum normali ta' xogħol ta' ħaddiema regolari impjegati fuq bażi full-time.

(ii) ATTIVITAJIET OĦRA TA' QLIGĦ: XOGĦOL MHUX AGRIKOLU FL-IMPRIŻA (LI MHUWIEX RELATAT MAL-IMPRIŻA B'MOD DIRETT) U XOGĦOL BARRA L-IMPRIŻA

Attivitajiet oħra ta' qligħ huma kwalunkwe attivitajiet li jsiru għal rimunerazzjoni (salarju, paga, profitti jew ħlas ieħor, inkluż ħlas in natura, skont is-servizz mogħti) għajr ix-xogħol tar-razzett fl-impriża kif definit fit-Taqsima IV(i) u attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ relatati b'mod dirett mal-impriża definiti fit-Taqsima V(i).

Dan jinkludi xogħol tar-razzett li jsir mill-forza tax-xogħol ta' impriża agrikola waħda għal impriża agrikola oħra.

L-informazzjoni tingħabar biss fil-każ ta' detenturi uniċi f'impriżi fejn id-detentur huwa persuna fiżika (jiġifieri fejn id-detentur huwa wkoll il-maniġer), u fil-każ tal-gruppi kollha ta' impriżi. Ma tingħabar ebda informazzjoni f'każ ta' impriżi b'detentur uniku fejn il-pussessur ma jkunx il-maniġer, u fil-każ ta' persuni ġuridiċi.

L-informazzjoni dwar attivitajiet oħra ta' qligħ hija rreġistrata għad-detentur u għall-membri l-oħra tal-familja tad-detentur uniku. L-informazzjoni tiġi rreġistrata biss jekk dawn ikunu impenjati f'xogħol tar-razzett fl-impriża, jew f'xogħol marbut b'mod dirett mal-impriża.

Attivatijiet sekondarji ta' qligħ mhux agrikoli mhux separabbli li jsiru fl-impriża mhumiex inklużi billi huma inklużi max-xogħol tar-razzett.

L-attivitajiet inklużi hawnhekk huma klassifikati bħala:

— Attivitajiet ewlenin — li jieħdu aktar ħin minn, jew l-istess ħin daqs, xogħol tar-razzett li jsir għall-impriża;

— Attivitajiet sekondarji — li jieħdu inqas ħin mix-xogħol tar-razzett li jsir għall-impriża.

Attivitajiet oħra ta' qligħ tad-detentur li huwa wkoll il-maniġer:

L-attivitajiet ta' qligħ kollha li mhumiex relatati mal-impriża b'mod dirett li jitwettqu mid-detentur li jaġixxi wkoll bħala l-maniġer bħala attività prinċipali jew sekondarja.

Attivitajiet oħra ta' qligħ tal-membri l-oħra tal-familja tad-detentur uniku:

Attività ewlenija

L-għadd ta' persuni (jew il-konjuġi tad-detentur uniku jew membri oħra tal-familja tad-detentur uniku) li jwettqu attivitajiet ta' qligħ mhux relatati mal-impriża bħala l-attività ewlenija tagħhom.

Attività sekondarja

L-għadd ta' persuni (jew il-konjuġi tad-detentur uniku jew membri oħra tal-familja tad-detentur uniku) li jwettqu attivitajiet ta' qligħ mhux relatati mal-impriża bħala l-attività sekondarja tagħhom.

V. **ATTIVITAJIET TA' QLIGĦ OĦRA TAL-IMPRIŻA (DIRETTAMENT RELATATI MAL-IMPRIŻA)**

(i) LISTA TA' ATTIVITAJIET OĦRA TA' QLIGĦ

Attivitajiet oħra ta' qligħ tal-impriża jinkludu l-attivitajiet kollha għajr dawk ta' xogħol tar-razzett, li huma relatati mal-impriża b'mod dirett u li għandhom impatt ekonomiku fuq l-impriża.

'Attivitajiet relatati mal-impriża b'mod dirett' tfisser attivitajiet li fihom jintużaw jew ir-riżorsi tal-impriża (l-erja, il-bini, il-makkinarju, eċċ.) jew il-prodotti tagħha. Jekk tkun qed tintuża biss il-forza tax-xogħol tar-razzett (membri tal-familja u mhux) u ma jkunu qed jintużaw ebda riżorsi oħra tal-impriża, il-ħaddiema jitqiesu bħala li qed jaħdmu bħala parti minn żewġ ftehimiet separati, u b'hekk dawn l-attivitajiet l-oħra ta' qligħ ma jitqiesux bħala li huma relatati b'mod dirett mal-impriża.

Xogħol mhux agrikolu u xogħol agrikolu għal impriżi oħra huwa inkluż.

F'dan il-kuntest, attivitajiet ta' qligħ ifissru xogħol attiv; għaldaqstant, investimenti purament finanzjarji huma esklużi. Il-kiri ta' artijiet lil persuni oħra għal attivitajiet differenti mingħajr ma jkun hemm involviment ulterjuri f'dawn l-attivitajiet huwa eskluż ukoll.

Il-forniment ta' servizzi tas-saħħa, servizzi soċjali jew servizzi edukattivi

Kwalunkwe attività li hija marbuta mal-forniment ta' servizzi tas-saħħa, servizzi soċjali jew servizzi edukattivi u/jew ma' attivitajiet ta' negozju relatati mal-qasam soċjali, fejn jintużaw jew ir-riżorsi jew il-prodotti tal-impriża.

Turiżmu, akkomodazzjoni u attivitajiet oħra ta' rikreazzjoni

L-attivitajiet turistiċi kollha, servizzi ta' akkomodazzjoni, it-turija tal-impriża lit-turisti jew lil gruppi oħra, attivatijiet sportivi u attivatijiet ta' rikreazzjoni, eċċ. fejn jintużaw l-erja, il-bini jew riżorsi oħra tal-impriża.

Artiġjanat

Oġġetti ta' artiġjanat li jiġu prodotti fl-impriża mid-detentur, mill-membri tal-familja tiegħu, jew mill-forza tax-xogħol mhux tal-familja, sakemm dawn ikunu qed iwettqu wkoll xogħol tar-razzett, irrispettivament minn kif jinbiegħu l-prodotti.

L-ipproċessar tal-prodotti agrikoli

L-ipproċessar kollu ta' prodott agrikolu primarju fi prodott sekondarju fl-impriża, irrispettivament minn jekk il-materja prima tiġix prodotta fl-impriża jew tinxtarax minn barra. Dan jinkludi l-ipproċessar tal-laħam, il-produzzjoni ta' ġobon, eċċ.

L-ipproċessar kollu ta' prodotti agrikoli jitqies bħala li hu parti minn din l-intestatura sakemm l-ipproċessar ma jitqiesx bħala li hu parti mill-attività agrikola. Għaldaqstant, l-ipproċessar tal-inbid u l-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa huma esklużi jekk il-proporzjon mixtri ta' nbid jew żejt taż-żebbuġa ma jkunx sinifikanti.

Il-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli

Il-produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli għas-suq, inkluż il-bijogass, il-bijokarburanti jew l-elettriku permezz ta' turbini eoliċi jew tagħmir ieħor, jew bl-użu ta' materja prima agrikola.

Enerġija rinnovabbli li tiġi prodotta biss għall-użu tal-impriża mhijiex inkluża hawnhekk.

Ipproċessar tal-injam (eż. qtugħ ta' njam)

L-ipproċessar ta' njam verġni fl-impriża għas-suq, (qtugħ ta' njam, eċċ).

Akkwakultura

Il-produzzjoni ta' ħut, ċkal, eċċ. fl-ażjenda. Huma esklużi biss attivitajiet li jinvolvu s-sajd.

Xogħol kuntrattwali (bl-użu ta' mezzi ta' produzzjoni tal-impriża)

Xogħol kuntrattwali bl-użu tat-tagħmir tal-impriża, b'differenza bejn xogħol li jsir ġewwa jew barra s-settur agrikolu, pereżempju t-tneħħija ta' borra, xogħol ta' trasport ta' merkanzija, iż-żamma tal-pajsaġġ, servizzi agrikoli, servizzi ambjentali, eċċ.

Agrikolu (għal impriżi oħrajn)

Mhux agrikolu

Forestrija

Xogħol ta' forestrija bl-użu kemm tal-forza tax-xogħol tar-razzett kif ukoll tal-makkinarju u t-tagħmir tal-impriża li ġeneralment jintużaw għal finijiet agrikoli.

Oħrajn

Attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ relatati b'mod dirett mal-impriża u li mhumiex imsemmija band'oħra.

Min hu involut

L-attivitajiet inklużi hawnhekk huma klassifikati bħala:

— attivitajiet ewlenin — li jieħdu aktar ħin minn, jew l-istess ħin daqs, xogħol tar-razzett li jsir għall-impriża;

— attivitajiet sekondarji — li jieħdu inqas ħin mix-xogħol tar-razzett li jsir għall-impriża.

Detentur li huwa wkoll il-maniġer

Membri oħra tal-familja tad-detentur waħdu, bħala l-attività prinċipali tagħhom

Membri oħra tal-familja tad-detentur waħdu, bħala l-attività sekondarja tagħhom

Il-membri li mhumiex parti mill-familja, u li l-ħidma tagħhom b'mod regolari fl-impriża hija l-attività prinċipali tagħhom

Il-membri li mhumiex parti mill-familja, u li l-ħidma tagħhom b'mod regolari fl-impriża hija l-attività sekondarja tagħhom

(ii) L-IMPORTANZA TAL-ATTIVITAJIET L-OĦRA TA' QLIGĦ LI HUMA RELATATI MAL-IMPRIŻA B'MOD DIRETT

Perċentwal tal-produzzjoni finali tal-impriża

L-importanza ta' attivitajiet oħra ta' qligħ li huma relatati b'mod dirett mal-impriża fil-produzzjoni tal-impriża hija kkalkulata bħala s-sehem tad-dħul iġġenerat mill-attivitajiet oħra ta' qligħ li huma relatati b'mod dirett mal-impriża b'konnessjoni mad-dħul totali tal-impriża u l-pagamenti diretti ta' dik l-impriża skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

$$\text{PROPORZJON} = \frac{\text{Dħul minn attivitajiet oħra ta' qligħ relatati b'mod dirett mal-impriża}}{\text{Dħul totali tal-azjenda (dħul agrikolu u attivitajiet oħra ta' qligħ relatati b'mod dirett mal-impriża)} + \text{pagamenti diretti}}$$

VI. **APPOĠĠ GĦALL-IŻVILUPP RURALI**

L-impriżi li bbenefikaw minn waħda mill-miżuri ta' żvilupp rurali li ġejjin matul l-aħħar 3 snin Iva/Le

Il-miżuri stipulati fit-Titolu III, Kapitolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1305/2013 li l-bidwi huwa l-benefiċjarju tagħhom.

Għandha tingħabar informazzjoni dwar jekk l-impriża bbenefikatx jew le minn waħda mill-miżuri ta' żvilupp rurali li ġejjin matul l-aħħar tliet snin skont ċerti standards u regoli fissi li ġew speċifikati mil-leġiżlazzjoni l-aktar reċenti.

Il-parteċipazzjoni tal-bdiewa fi skemi ta' kwalità tal-ikel

L-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013: Skemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli, u oġġetti tal-ikel

Pagamenti marbuta ma' Natura 2000 u mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma ([2])

L-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013: Pagamenti skont Natura 2000 u d-Direttiva Qafas dwar l-ilma

Pagamenti agroambjentali — pagamenti tal-klima

L-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013: Agroambjent — klima

Agrikoltura organika

L-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013: Agrikoltura organika

Pagamenti għat-trattament xieraq tal-annimali

L-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013: Trattament xieraq tal-annimali

Investimenti f'assi fiżiċi

L-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013: Investimenti f'assi fiżiċi

Il-prevenzjoni u r-restawr tal-ħsara lill-potenzjal tal-produzzjoni agrikola minn diżastri naturali u avvenimenti katastrofiċi

L-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013: Restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola li saritlu ħsara b'diżastri naturali u avvenimenti katastrofiċi u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni xierqa

L-iżvilupp tal-irziezet u tan-negozju

L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013: L-iżvilupp tal-irziezet u tan-negozju

Investimenti fl-iżvilupp taż-żoni forestali u l-vijabbiltà tal-foresti

L-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013: Investimenti fl-iżvilupp taż-żoni forestali u titjib tal-vijabbiltà tal-foresti

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

([2]) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

L-afforestazzjoni u l-ħolqien ta' msaġar

L-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013: L-afforestazzjoni u l-ħolqien ta' msaġar

It-twaqqif ta' sistemi ta' agroforestrija

L-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013: Stabbiliment ta' sistemi agroforestali

Il-prevenzjoni u r-restawr tal-ħsara lill-foresti

L-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013: Prevenzjoni u r-restawr tal-ħsara lill-foresti minn nirien tal-foresti u diżastri naturali u avvenimenti katastrofiċi

Investimenti li jtejbu r-reżiljenza u l-valur ambjentali tal-foresti

L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013: Investimenti li jtejbu r-reżistenza u l-valur ambjentali tal-ekosistemi tal-foresti

Investimenti f' teknoloġiji tal-forestrija u fl-ipproċessar, fil-mobilizzazzjoni u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-forestrija

L-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013: Investimenti f' teknoloġiji tal-forestrija u fi pproċessar, il-mobilizzazzjoni u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-forestrija

Pagamenti għal erji li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra

L-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013: Pagamenti għal erji li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra

Servizzi ambjentali u klimatiċi b'rabta mal-foresti u l-konservazzjoni tal-foresti

L-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013: Servizzi ambjentali u klimatiċi b'rabta mal-foresti u l-konservazzjoni tal-foresti

Ġestjoni tar-riskju

L-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013: Ġestjoni tar-riskju

VII. **PRATTIKI TA' ĠESTJONI TA' ĦAMRIJA U TA' DEMEL APPLIKATI FL-IMPRIŻI AGRIKOLI**

Metodi ta' ħrit fuq art fil-beraħ li tinħadem

Ħrit konvenzjonali

Art li tinħadem u li tiġi maħruta permezz ta' ħrit konvenzjonali li jinvolvi t-taqlib tal-ħamrija, normalment bl-użu ta' ħadida mas-sikka tal-moħriet (mouldboard) jew ta' moħriet forma ta' diska bħala l-operazzjoni primarja tal-ħrit, qabel isir ħrit sekondarju bl-użu ta' xatba bid-diski.

Ħrit bi skop ta' konservazzjoni

Art li tinħadem li hija trattata bi ħrit ta' agrikoltura ta' konservazzjoni (baxx), li huwa prattika jew sistema ta' prattiki li jħallu residwi tal-pjanti (mill-inqas 30 %) fuq wiċċ il-ħamrija għall-kontroll tal-erożjoni u ż-żamma tal-umdità, normalment billi l-ħamrija ma tiġix invertita bħala riżultat tal-ħrit.

Ebda ħrit (esklużi żoni ta' art fil-beraħ li tinħadem mgħottija minn pjanti multiannwali)

Art li tinħadem li fuqha ma jsir ebda ħrit bejn il-ħsad u ż-żrigħ.

Kopertura tal-ħamrija fuq art fil-beraħ li tinħadem

Il-mod li bih l-art li tinħadem tiġi mgħottija minn pjanti jew residwi, jew il-mod li bih titħalla għerja fix-xitwa.

Għelejjel normali tax-xitwa

Art li tinħadem li fil-ħarifa jiġu miżrugħa fiha għelejjel li jikbru matul ix-xitwa (għelejjel normali tax-xitwa, bħal qamħ tax-xitwa), li normalment jiġu maħsuda jew jintużaw għar-ragħa.

Għelejjel ta' kopertura jew għelejjel intermedji

Art li tinħadem li fuqha jiġu miżrugħa b'mod speċifiku pjanti biex jitnaqqas it-telf ta' ħamrija, ta' nutrijenti u ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti matul ix-xitwa jew matul perjodi oħra meta l-art kieku minflok tkun għerja jew suxxettibli għal telf. Il-valur ekonomiku ta' dawn l-għelejjel huwa baxx, u l-għan ewlieni huwa l-protezzjoni tal-ħamrija u tan-nutrijenti.

Normalment dawn jinħartu għal ġol-ħamrija fir-rebbiegħa qabel ma jinżergħu għelejjel oħra, u la jiġu maħsuda u lanqas ma jintużaw għar-ragħha.

Residwi ta' pjanti

Art li tinħadem mgħottija minn residwi ta' pjanti u qasbija tal-għelejjel tal-istaġun ta' qabel fix-xitwa. Għelejjel ta' kopertura u għelejjel intermedji huma esklużi.

Ħamrija waħedha

Art li tinħadem maħruta jew li tiġi mgħażqa mod ieħor fil-ħarifa, li ma tinżerax żerriegħa fiha jew li tkunx mgħottija b'residwi minn pjanti matul ix-xitwa, li tibqa' mhux ikkoltivata qabel jitwettqu l-operazzjonijiet agrotekniċi ta' qabel it-tiżrigħ jew tat-tiżrigħ fil-perjodu tar-rebbiegħa ta' wara.

Erji ta' art fil-beraħ li tinħadem mgħottija minn pjanti multiannwali

Erji ta' art fil-beraħ li tinħadem mgħottija minn pjanti multiannwali mhux miżrugħa jew ikkultivati fis-sena ta' referenza.

Newba tal-għelejjel fuq art li tinħadem

In-newba tal-għelejjel hija prattika fejn l-għelejjel imkabbra f'għalqa speċifika jiġu alternati skont mudell jew sekwenza ppjanata fi snin suċċessivi tal-għelejjel sabiex ma jitkabbrux għelejjel tal-istess speċi fl-istess għalqa mingħajr interruzzjoni.

Sehem ta' art li tinħadem inkluż fin-newba tal-għelejjel

Art li tinħadem li hija parti minn newba ppjanata tal-għelejjel.

Erja b'fokus ekoloġiku — l-erja totali ta' marġini tal-għelieqi, biċċiet ta' art ta' lqugħ, sisien tal-ħaxix, siġar, art mistrieħa, bijotopi, żoni msaġġra u karatteristiki tal-pajsaġġ

Żona li l-maniġer tal-impriża jiżgura li hija erja b'fokus ekoloġiku kif deskritt fl-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013. L-erja totali ta' marġini tal-għelieqi, biċċiet ta' art ta' lqugħ, sisien tal-ħaxix, siġar, art mistrieħa, bijotopi, żoni msaġġra u karatteristiki tal-pajsaġġ.

Informazzjoni relatata ma' dawn għandha tiġi komunikata biss minn irziezet li għandhom iktar minn 15-il ettaru ta' art li tinħadem.

Tekniki għall-applikazzjoni tad-demel

Il-perċentwal tat-total ta' demel tar-razzett (dak prodott, flimkien ma' dak li ġie importat u nieqes dak li ġie esportat) li jiġi mifrux fuq l-art agrikola permezz tad-diversi tekniki disponibbli.

Tferrix

Id-demel jiġi mifrux fuq il-wiċċ ta' erja ta' art jew ta' għelejjel, mingħajr l-użu ta' tekniki ta' injezzjoni jew ta' twassil ta' demel direttament fuq wiċċ l-art bejn il-fillieri tal-għelejjel.

Ebda inkorporazzjoni

Il-perċentwal tat-total ta' demel applikat fejn ma tkun saret ebda inkorporazzjoni fil-ħamrija. Jekk id-demel ma jiġix inkorporat fi żmien 24 siegħa minn meta jiġi mferrex, dan għandu jiġi inkluż hawn.

Inkorporazzjoni fi żmien 4 sigħat

Il-perċentwal tat-total ta' demel applikat li jkun ġie inkorporat fil-ħamrija b'metodi mekkaniċi fi żmien 4 sigħat wara li jkun ġie applikat id-demel.

Inkorporazzjoni wara 4 sigħat

Il-perċentwal tat-total ta' demel applikat li jkun ġie inkorporat fil-ħamrija b'metodi mekkaniċi aktar minn 4 sigħat wara li jkun ġie applikat id-demel. Jekk id-demel ma jkunx ġie inkorporat fi żmien 24 siegħa minn meta jiġi mferrex, dan għandu jiġi eskluż minn din l-intestatura u għandu jiġi inkluż taħt Ebda inkorporazzjoni.

It-twassil ta' demel direttament fuq wiċċ l-art bejn il-fillieri tal-għelejjel

Demel likwidu jew sospensjoni magħquda ta' demel tiġi applikata fuq erja fi strixxi paralleli mingħajr demel bejn l-istrixxi, billi jintuża tagħmir (band spreader) li jkun imqabbad mat-tarf ta' bawżer jew trattur biex jifrex id-demel likwidu jew sospensjoni magħquda ta' demel maħlul direttament fuq wiċċ l-art.

Distributur mobbli tad-demel bil-pajpijiet

Tip ta' band spreader li jikkonsisti minn għadd ta' pajpijiet immuntati fuq boma iżda li ma jagħmilx użu minn apparat iddisinjat biex jissepara l-weraq ta' għelejjel jew il-weraq ta' ħaxix.

Distributur bit-tubi flessibbli

Tip ta' band spreader li jikkonsisti minn għadd ta' biċċiet ta' tagħmir f'forma ta' sieq jew żarbuna immuntati fuq boma ddisinjata biex tissepara l-weraq ta' għelejjel jew il-weraq ta' ħaxix, sabiex tqiegħed id-demel fuq il-wiċċ tal-art f'faxex filwaqt li tnaqqas il-kontaminazzjoni tal-għelejjel jew tal-ħaxix.

Injezzjoni

L-applikazzjoni ta' demel likwidu jew ta' sospensjoni magħquda ta' demel fi xquq imħaffra fil-ħamrija f'livelli ta' fond differenti, skont it-tip ta' injettur.

Xquq baxxi/miftuħa

Ix-xquq mhumiex fondi, tipikament b'fond ta' madwar 50 mm. Dawn jitħallew miftuħa wara l-applikazzjoni.

Xquq fondi/magħluqa

Il-fetħiet huma aktar fondi, tipikament b'fond ta' madwar 150 mm. Dawn jingħalqu wara l-applikazzjoni.

Importazzjoni ta' demel mill-impriża/esportazzjoni ta' demel mill-impriża

It-total ta' demel prodott li ġie esportat mill-impriża

L-ammont ta' demel li jinġarr lil hemm mill-impriża.

Demel importat mill-impriża

L-ammont ta' demel li nġieb fl-impriża maħsub biex jintuża fl-agrikoltura, irrispettivament minn jekk sarx ħlas għalih jew jekk dan ikunx ingħata mingħajr ħlas."

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1392

tat-13 ta' Awwissu 2015

li japprova s-sustanza bażika fruttożju f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23(5) flimkien mal-Artikolu 13(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 23(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, fit-12 ta' Marzu 2014 il-Kummissjoni waslitilha applikazzjoni mill-Institut Technique de l'Agriculture Biologique (ITAB) għall-approvazzjoni tal-fruttożju bħala sustanza bażika. Ma' dik l-applikazzjoni ngħatat l-informazzjoni meħtieġa skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(3).

(2) Il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") għal għajnuna xjentifika. Fl-24 ta' Ottubru 2014, l-Awtorità ppreżentat Rapport Tekniku dwar is-sustanza inkwistjoni lill-Kummissjoni ([2]). Fl-20 ta' Marzu 2015 il-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport ta' eżami ([3]) u abbozz ta' dan ir-Regolament lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf, u ffinalizzathom għal-laqgħa tal-Kumitat tal-14 ta' Lulju 2015.

(3) Id-dokumentazzjoni mogħtija mill-applikant turi li l-fruttożju jissodisfa l-kriterji ta' oġġett tal-ikel kif iddefinit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Barra minn hekk, is-sustanza mhix użata b'mod predominanti biex jiġu protetti l-pjanti, madankollu hija utli għall-protezzjoni tal-pjanti fi prodott li jikkonsisti mis-sustanza u mill-ilma. Għaldaqstant, għandha titqies bħala sustanza bażika.

(4) Mill-eżamijiet li saru jidher li b'mod ġenerali, il-fruttożju jaf jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, l-aktar fejn jidħlu l-użi li ġew eżaminati u dettaljati fir-rapport ta' eżami tal-Kummissjoni. Għaldaqstant jixraq li l-fruttożju jiġi approvat bħala sustanza bażika.

(5) F'konformità mal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 flimkien mal-Artikolu 6 tiegħu, u fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali, jeħtieġ li jiddaħħlu ċerti kundizzjonijiet għall-approvazzjoni, li huma spjegati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(6) F'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([5]) għandu jiġi emendat skont dan.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, 2014; L-eżitu tal-konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-EFSA dwar l-applikazzjoni għas-sustanza bażika għall-fruttożju biex jintuża għall-protezzjoni tal-pjanti fuq is-siġar tat-tuffieħ biex jiġu kkontrollati l-insetti. Il-pubblikazzjoni ta' appoġġ tal-EFSA 2014:EN-684. 27 pp.

([3]) http://ec.europa.eu/food/plant/pesticides/eu-pesticides-database/public/?event=activesubstance.selection&language=EN

([4]) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Approvazzjoni ta' sustanza bażika

Is-sustanza fruttożju kif speċifikat fl-Anness I hija approvata bħala sustanza bażika soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Awwissu 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
Fruttożju Nru tal-CAS: 57-48-7	β-D-fruttofuranożju	Grad tal-ikel	fl-1 ta' Ottubru 2015	L-użi bħala sustanza bażika li tkun stimulant tal-mekkaniżmi ta' difiża naturali tal-għelejjel biss huma approvati. Il-fruttożju jista' jintuża f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi inklużi fil-konklużjonijiet tar-rapport ta' eżami dwar il-fruttożju (SANCO/12680/2014) u b'mod partikolari fl-Appendiċijiet I u II tiegħu.

(1) Fir-rapport ta' eżami jingħataw aktar dettalji dwar l-identità, l-ispeċifikazzjoni, u l-mod kif tintuża s-sustanza attiva.

ANNESS II

Fil-Parti C tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011, tiżdied l-entrata li ġejja:

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (*)	Data tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"8	Fruttożju Nru tal-CAS: 57-48-7	β-D-fruttofuranożju	Grad tal-ikel	fl-1 ta' Ottubru 2015.	L-użi bħala sustanza bażika li tkun stimulant tal-mekkaniżmi ta' difiża naturali tal-għelejjel biss huma approvati. Il-fruttożju jintuża f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi inklużi fil-konklużjonijiet tar-rapport ta' eżami dwar il-fruttożju (SANCO/12680/2014) u b'mod partikolari fl-Appendiċijiet I u II tiegħu."

(*) Fir-rapport ta' eżami jingħataw aktar dettalji dwar l-identità, l-ispeċifikazzjoni, u l-mod kif tintuża s-sustanza attiva.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1393

tat-13 ta' Awwissu 2015

li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Καλαμάτα (Kalamata) (DOP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(3)(b) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 daħal fis-seħħ fit-3 ta' Jannar 2013. Dan ħassar u ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ([2]).

(2) Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni tal-Greċja għall-approvazzjoni ta' emendi fl-ispeċifikazzjoni għad-denominazzjoni ta' oriġini protetta (minn issa 'l quddiem: DOP) "Καλαμάτα" (Kalamata), irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1065/97 ([3]).

(3) Peress li l-emendi kkonċernati ma kinux minuri fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għall-emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]), kif stipulat fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006.

(4) Il-Kummissjoni rċeviet 5 dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 7(1) u 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 ([5]). L-ewwel waħda waslet fl-14 ta' Diċembru 2012 mill-Kumpanija Svizzera NECTRA FOOD SA. It-tieni waħda waslet fis-17 ta' Diċembru 2012 mill-Kumpanija Eġizzjana FAR TRADING CO. It-tielet waħda waslet fis-17 ta' Diċembru 2012 mill-Kumpanija Norveġiża Oluf Lorentzen AS. Ir-raba' waħda waslet fl-20 ta' Diċembru 2012 mir-Renju Unit. Il-ħames waħda waslet fis-17 ta' Diċembru 2012 mill-Kumpanija Daniża CARL B.FELDTHUSEN.

(5) L-aħħar dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni tqieset bħala mhux ammissibbli peress li, skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, persuni ġuridiċi stabbiliti fi Stat Membru ma jistgħux jippreżentaw dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni direttament lill-Kummissjoni. Id-dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjonni l-oħra tqiesu bħala ammissibbli.

(6) Bl-ittri tal-15 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jinvolvu rwieħhom f'konsultazzjonijiet xierqa biex jilħqu qbil bejniethom fi żmien sitt xhur skont il-proċeduri interni tagħhom.

(7) Ma ntlaħaq l-ebda ftehim bejn il-partijiet fi ħdan il-limitu ta' żmien.

(8) Peress li ma ntlaħaq l-ebda qbil fiż-żmien stipulat, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 52(3)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel (ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1065/97 tat-12 ta' Ġunju 1997 li jissupplimenta l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1107/96 dwar ir-reġistrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92 (ĠU L 156, 13.6.1997, p. 5).
([4]) ĠU C 186, 26.6.2012, p. 18.
([5]) Minn dakinhar sostitwit mill-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

(9) L-opponenti jargumentaw li ż-żona ġeografika li tirriżulta mill-emenda mhijiex omoġenea peress li l-parti taż-żona ġeografika koperta addizzjonalment mit-talba għal emenda ma għandhiex l-istess karatteristiċi mikroklimatiċi uniċi bħaż-żona attwali tad-DOP; li l-karatteristiċi kimiċi u organolettiċi, u għalhekk il-kwalità, taż-żejt taż-żebbuġa prodott fiż-żona emendata proposta huma aktar baxxi minn dawk taż-żejt taż-żebbuġa prodott fiż-żona attwali tad-DOP; li dan it-tnaqqis fil-kwalità jista' jimplika telf ta' immaġni u reputazzjoni tal-prodott; li l-estensjoni taż-żona tiżgwida lill-konsumaturi peress li ż-żejt m'għadux jiġi prodott fiż-żona tal-provinċja ta' Kalamata iżda fiż-żona tar-reġjun ta' Messinia u peress li jista' anki jiġi bbottiljat barra dak ir-reġjun; li ż-żona ġeografika l-ġdida mhijiex delimitata fir-rigward tar-rabta; li n-nuqqas ta' restrizzjoni ġeografika għall-ibbottiljar idgħajjef ir-rabta bejn il-prodott u ż-żona, joħloq problema ta' traċċabilità u jesponi l-prodott għall-frodi u d-deterjorazzjoni tal-kwalità; li r-rilevanza statistika u r-rappreżentattività tad-dejta imwettqa bħala appoġġ għat-talba ta' emenda huma dubjużi; li l-ħolqa elettronika fid-dokument uniku ppubblikat li twassal għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott emendata ma ħadmitx kif suppost.

(10) Minkejja l-allegazzjonijiet imsemmijin hawn fuq li ressqet il-parti opponenti, huwa xieraq li tiġi approvata l-emenda għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott tad-DOP "Καλαμάτα" (Kalamata) għar-raġunijiet li ġejjin.

(11) L-omoġeneità ta' fatturi naturali u umani fiż-żona ta' Messinia hija deskritta b'mod eżawrjenti fit-talba għal emenda fid-dokument uniku u fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott. Il-parti opponenti ma tatx prova li l-kundizzjonijiet pedoklimatiċi fil-parti taż-żona ġeografika addizzjonalment koperta mit-talba għal emenda huma sostanzjalment differenti minn dawk taż-żona ġeografika attwali. Barra minn hekk, ir-reġjun ta' Messinia huwa attwalment iż-żona ġeografika ddefinita tad-DOP "Elia Kalamatas" (żebbuġ ta' Kalamata). Fl-aħħar nett, iż-żona ta' Messinia, kif definita fit-talba għal emenda, tista' tikkwalifika bħala ż-żona ġeografika ddefinita għad-DOP li tkopri ż-żejt taż-żebbuġa "Καλαμάτα" (Kalamata).

(12) It-talba li tirrigwarda d-deterjorazzjoni tal-kwalità u t-telf ta' reputazzjoni ma kinitx sostnuta b'dettalji konkreti li jagħtu evidenza ta' tali tnaqqis fil-kwalità. L-analiżi tad-dejta dwar il-karatteristiċi organolettiċi u kimiċi taż-żejt taż-żebbuġa prodott f'dawn iż-żewġ żoni inkluża fl-istudju mehmuż mad-dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni mhijiex konklużiva fit-turija li l-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa prodott fiż-żona emendata proposta huma ta' livell aktar baxx minn dawk taż-żejt taż-żebbuġa prodott fiż-żona attwali tad-DOP. B'kuntrast, id-dejta pprovduta mill-awtoritajiet Griegi turi li ż-żewġ żjut taż-żebbuġa għandhom b'mod ġenerali l-istess karatteristiċi organolettiċi u kimiċi b'differenzi negliġibbli.

(13) Barra minn hekk, li tħalli prodott jilħaq jew iżomm ċerta kwalità jew immaġni mhuwiex l-għan tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 li ma fih l-ebda dispożizzjoni għal dak il-fini. Sakemm jista' jiġi vverifikat li l-karatteristiċi tal-prodott maħruġ miż-żona ġeografika modifikata, simili għall-karatteristiċi tal-prodott maħruġ miż-żona attwali tad-DOP huma essenzjalment ġejjin mill-fatturi naturali u umani taż-żona ġeografika modifikata, it-talba għal emenda hija konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

(14) Hemm għadd ta' każijiet ta' DOP irreġistrati li l-ismijiet tagħhom ma jikkorrispondux mal-isem taż-żona ġeografika. Għaldaqstant, il-fatt li, wara talba għal emenda, id-DOP se jiġi prodott ukoll fir-reġjun ta' Messinia mhux inkonsistenti mar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

(15) Is-sentenza fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott li tiċċara li l-prodott jista' jiġi bbottiljat barra miż-żona ġeografika ddefinita ma tmurx kontra d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 u ma taffettwax ir-rabta. Fil-qafas tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-obbligu ta' ppakkjar tal-prodott fiż-żona jidderoga mir-regoli standard u għandu jiġi ġġustifikat skont il-punt (e) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012. Jekk ikun iġġustifikat, hija r-responsabbiltà tal-applikant li jdaħħal dan it-tip ta' restrizzjonijiet fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott. F'dan il-każ, l-applikanti ma pproponewx tali restrizzjoni. Barra minn hekk, il-partijiet opponenti ma tawx biżżejjed ġustifikazzjonijiet speċifiċi għall-prodott dwar għaliex l-ippakkjar fiż-żona ġeografika delimitata għandu jkun obbligatorju.

(16) Il-partijiet opponenti jargumentaw li l-analiżi tad-dejta dwar il-karatteristiċi organolettiċi u kimiċi taż-żejt taż-żebbuġa prodott fiż-żona ġeografika stabbilita u taż-żejt taż-żebbuġa prodott fil-bqija taż-żona ġeografika, kif emendata, irrappurtata fl-istudju mehmuż mad-dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni, turi biċ-ċar li ż-żona ġeografika l-ġdida mhijiex delimitata fir-rigward tar-rabta. Il-Kummissjoni tqis li din l-analiżi mhijiex utli biex jiġi konkluż li

ż-żona emendata mhijiex definita fir-rigward tar-rabta. Din tonqos milli turi li l-karatteristiċi organolettiċi u kimiċi taż-żejt taż-żebbuġa prodott fiż-żona emendata proposta u dawk taż-żejt taż-żebbuġa prodott fiż-żona attwali tad-DOP mhumiex omoġenji. Il-partijiet opponenti naqsu milli jispjegaw il-konklużjoni tagħhom li ż-żona emendata mhijiex definita fir-rigward tar-rabta.

(17) Il-partijiet opponenti jikkritikaw ukoll d-dejta li ssostni t-talba għal emenda u li turi li ż-żejt taż-żebbuġa prodott fir-reġjun ta' Messinia għandu karatteristiċi li jagħmluh omoġenju maż-żejt taż-żebbuġa prodott fiż-żona attwali tad-DOP. Il-partijiet opponenti jargumentaw li din id-dejta hija statistikament mhux f'qagħda li tipprovdi riżultati ta' sinifikat xjentifiku. Huma jaraw id-dejta bħala mhux rappreżentattiva ġeografikament u insuffiċjenti fir-rigward tal-għadd ta' kampjuni u s-snin ta' produzzjoni meqjusa.

(18) Il-Kummissjoni vverifikat l-affidabbiltà tad-dejta msemmija hawn fuq mal-awtoritajiet Griegi. Ġew ipprovduti wkoll ċifri addizzjonali. Dawn iċ-ċifri huma bbażati fuq bażi statistika soda fir-rigward tas-snin ta' produzzjoni meqjusa u l-għadd u d-distribuzzjoni ġeografika tal-kampjuni. Jirriżulta minn din id-dejta li ż-żejt taż-żebbuġa prodott fiż-żona ġeografika stabbilita tad-DOP "Καλαμάτα" (Kalamata) u ż-żejt taż-żebbuġa prodott fil-bqija taż-żona ġeografika, kif emendata, għandhom l-istess karatteristiċi organolettiċi u kimiċi ġenerali, b'differenzi negliġibbli.

(19) Ġie identifikat żball tipografiku fit-tabella inkluża fil-punt 3.2 tat-talba għal emenda: il-valur tal-aċidità medja għaż-żona "il-bqija ta' Messinia" mhuwiex 0,49 iżda 0,37. Dan l-iżball klerikali ma jippreġudikax il-valutazzjoni finali dwar l-omoġeneità tal-produzzjoni taż-żejt fiż-żewġ żoni u ma jikkostitwix bidla sostanzjali li teħtieġ li t-talba għal emenda terġa' tiġi ppubblikata.

(20) Fl-aħħar nett, il-partijiet opponenti invokaw li l-indirizz elettroniku inkluż fid-dokument uniku mehmuż mat-talba għal emenda tad-DOP "Καλαμάτα" (Kalamata) li twassal għall-aktar verżjoni reċenti tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ma ħadimx kif suppost. Dan allegatament żamm lir-riċerkaturi li fasslu l-istudju għall-partijiet opponenti milli jkollhom aċċess għal kull referenza ta' pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni.

(21) L-awtoritajiet Griegi kkonfermaw li l-ħolqa ħadmet tajjeb matul dan il-perjodu kollu ta' oppożizzjoni. Il-partijiet opponenti naqsu milli jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar iċ-ċirkostanzi (jiġifieri id-data, l-għadd ta' tentattivi biex jaċċessaw is-sit, eċċ…) li fihom il-ħolqa nstabet li mhijiex taħdem. Fl-aħħar nett, fid-dawl ukoll tal-erba' dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni ddettaljati u żviluppati sew li waslu u li juru għarfien profond tal-ispeċifikazzjoni u skrutinju fil-fond tagħha, il-Kummissjoni tqis li d-dritt għal oppożizzjoni għall-approvazzjoni tal-emenda tad-DOP "Καλαμάτα" (Kalamata) ma kienx affettwat.

(22) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Politika dwar il-Kwalità tal-Prodotti Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emendi tal-ispeċifikazzjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* b'rabta mad-denominazzjoni "Καλαμάτα" (Kalamata) (DOP) huma b'dan approvati.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Awwissu 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1394

tat-13 ta' Awwissu 2015

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 470/2014, kif emendat bir-Regolament (UE) 2015/588 li jimponi dazju antidumping u ġbir definittiv tad-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' ħġieġ solari li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara investigazzjoni mill-ġdid ta' assorbiment skont l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Billi:

A. **PROĊEDURA**

1. **Miżuri oriġinali**

(1) Il-miżuri attwalment fis-seħħ ("il-miżuri oriġinali") huma rati ta' dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 470/2014 ([2]) li jvarjaw minn 0,4 % sa 36,1 %. L-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament kien emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/588 ([3]). Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 471/2014 ([4]), il-Kummissjoni imponiet ukoll rati ta' dazju kompensatorju rati li jvarjaw minn 3,2 % sa 17,1 %.

2. **Talba għal investigazzjoni mill-ġdid ta' assorbiment**

(2) Fit-12 ta' Novembru 2014, talba għal investigazzjoni mill-ġdid ta' assorbiment tal-miżuri antidumping oriġinali ġiet ippreżentata skont l-Artikolu 12 tar-Regolament bażiku. It-talba saret mill-assoċjazzjoni EU ProSun Glass ("l-applikant") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali ta' ħġieġ solari fl-Unjoni.

(3) L-applikant ippreżenta biżżejjed informazzjoni li turi li, wara l-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali u qabel u wara l-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali, il-prezzijiet tal-esportazzjoni naqsu. Dan wassal għal żieda fil-marġni tad-dumping li dgħajfet l-effetti ta' rimedju intenzjonati tal-miżuri oriġinali. L-applikant ipprovda wkoll evidenza li turi li l-importazzjonijiet ta' ħġieġ solari komplew jidħlu fl-Unjoni f'volumi sinifikanti.

(4) Fid-19 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni ħabbret b'avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, il-bidu ta' investigazzjoni mill-ġdid ta' assorbiment, skont l-Artikolu 12 tar-Regolament bażiku, tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ħġieġ solari li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (RPĊ) ([5]).

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 470/2014 tat-13 ta' Mejju 2014 li jimponi dazju antidumping u ġbir definittiv tad-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ħġieġ solari li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 142, 14.5.2014, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/588 tal-14 ta' April 2015 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 470/2014 li jimponi dazju antidumping u ġbir definittiv tad-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' ħġieġ solari li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 98, 15.4.2015, p. 6).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 471/2014 tat-13 ta' Mejju 2014 li jimponi dazji definittivi kumpensatorji fuq l-importazzjonijiet ta' ħġieġ solari li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 142, 14.5.2014, p. 23).

([5]) ĠU C 457, 19.12.2014, p. 9.

3. **Partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni mill-ġdid**

(5) Fin-Notifika ta' ftuħ mill-ġdid, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament infurmat lill-applikant, lil produtturi magħrufa oħrajn tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa fir-RPĊ, lil importaturi, negozjanti, utenti, fornituri u l-awtoritajiet tar-RPĊ dwar il-bidu ta' investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.

(6) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni u li jitolbu smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali. Wara l-iżvelar parti waħda talbet seduta bħal din mal-Kummissjoni u kienet f'pożizzjoni li tippreżenta l-opinjoni tagħha fit-23 ta' Ġunju 2015.

4. **Il-kampjunar ta' produtturi esportaturi fir-RPĊ**

(7) Fin-Notifika ta' ftuħ mill-ġdid tagħha, il-Kummissjoni qalet li tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

(8) Sabiex tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi fir-RPĊ sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifiki ta' ftuħ mill-ġdid. Barra minn hekk, il-Kummissjoni staqsiet lill-Missjoni tar-Repubblika taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk hemm minnhom, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(9) Ħames produtturi esportaturi Ċiniż jew gruppi ta' produtturi esportaturi, li jirrappreżentaw madwar 70 % tal-esportazzjonijiet Ċiniżi totali lejn l-Unjoni matul l-investigazzjoni attwali pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' żewġ gruppi ta' kumpaniji abbażi tal-ikbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fil-ħin disponibbli. Iż-żewġ gruppi magħżula ta' kumpaniji jirrappreżentaw aktar minn 60 % tal-esportazzjonijiet Ċiniżi totali lejn l-Unjoni u 94 % tal-esportazzjonijiet mill-kumpaniji li kkooperaw f'din l-investigazzjoni.

(10) Skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa u kkonċernati kollha, u l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernati, ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun. Ma sar l-ebda kumment. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li żżomm il-kampjun taż-żewġ gruppi ta' kumpaniji propost u l-partijiet interessati kollha ġew informati kif xieraq dwar il-kampjun finali magħżul.

(11) Il-kampjun tal-produtturi esportaturi ta' ħġieġ solari kien dan li ġej:

— Flat Solar Glass Group Co., Ltd ("Flat Glass Group")

— Xinyi PV Products (Anhui) Holdings ("Xinyi Group")

5. **Tweġibiet għall-kwestjonarju**

(12) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji liż-żewġ gruppi ta' produtturi esportaturi Ċiniżi magħżula u importaturi mhux relatati, kif ukoll lill-utenti li għamlu lilhom infushom magħrufin fil-limiti taż-żmien stabbiliti fin-notifika ta' ftuħ mill-ġdid.

(13) Tweġibiet għall-kwestjonarju waslu mingħand żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi u tliet importaturi/utenti tal-Unjoni mhux relatati.

6. **Żjarat ta' verifika**

(14) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li qieset meħtieġ għall-għan ta' din l-investigazzjoni mill-ġdid. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku saru fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

— Flat Glass Group, Jiaxing, Zhejiang, PRC

— Xinyi Group, Wuhu, Anhui, PRC

7. **Divulgazzjoni**

(15) Il-partijiet interessati rċevew dokument ta' divulgazzjoni li kien fih il-fatti essenzjali u l-konsiderazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom il-Kummissjoni pproponiet li temenda d-dazji antidumping definittiv fuq ħġieġ solari li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Il-partijiet kollha ġew infurmati dwar l-iskadenza li qabilha setgħu jikkummentaw dwar dan l-iżvelar.

(16) Il-kummenti ppreżentati mill-partijiet interessati ġew ikkunsidrati u tqiesu, fejn kien xierqa.

8. **Il-perjodu tal-investigazzjoni**

(17) Il-perjodu ta' investigazzjoni ta' assorbiment għal din l-investigazzjoni mill-ġdid ("AIP") kien mill-1 ta' Diċembru 2013 sat-30 ta' Novembru 2014. Il-prezzijiet tal-esportazzjoni matul l-AIP ġew imqabbla ma' dawk matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali tal-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali, li kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012 ("OIP").

B. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI**

(18) Il-prodott suġġett għal din l-investigazzjoni huwa l-istess bħal dak fl-investigazzjoni oriġinali u huwa definit bħala ħġieġ solari li jikkonsisti fi ħġieġ ċatt ittemprat bil-ġir tas-soda, b'kontenut tal-ħadid ta' anqas minn 300 ppm, bi trażmittenza solari ta' aktar minn 88 % (imkejla skont l-AM1.5 300-2 500 nm), b'reżistenza għas-sħana li titla' sa 250 °C (imkejla skont l-EN 12150), b'reżistenza għal xokkijiet termali ta' Δ 150K (imkejla skont l-EN 12150) u ta' saħħa mekkanika ta' 90 N/mm^2 jew aktar (imkejla skont l-EN 1288-3), li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("il-prodott investigat"), li bħalissa huwa kopert mill-kodiċi NM ex 7007 19 80.

(19) L-investigazzjoni wriet li l-prodott ikkonċernat, il-prodott manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tar-RPĊ, il-prodott manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tat-Turkija, li serva bħala pajjiż analogu fl-investigazzjoni oriġinali u l-prodott manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi. Għalhekk huma meqjusa bħala prodotti simili fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

C. **IS-SEJBIET**

(20) Investigazzjoni mill-ġdid ta' assorbiment skont l-Artikolu 12 tar-Regolament bażiku għandha l-għan li tistabbilixxi jekk il-prezzijiet ta' esportazzjoni naqsux u jekk kienx hemm biżżejjed moviment fil-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid jew fil-prezzijiet tal-bejgħ sussegwenti fl-Unjoni ta' ħġieġ solari li joriġina fir-RPĊ mindu saret l-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali. Fejn ġie konkluż li l-assorbiment seħħ, limitu ġdid tal-marġini tad-dumping għandu jiġi kkalkulat.

1. **Tnaqqis fil-prezzijiet tal-esportazzjoni**

(21) L-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat kienu, skont l-AIP, magħmula direttament lil klijenti mhux relatati fl-UE.

(22) Il-Kummissjoni qabblet għaż-żewġ gruppi fil-kampjun il-prezzijiet tat-tipi ta' prodotti mibjugħa fl-AIP għall-istess tipi ta' prodott mibjugħ fl-OIP u kkalkulat livell medju peżat ta' assorbiment għaż-żewġ gruppi.

(23) Matul l-investigazzjoni oriġinali l-kumpaniji fil-kampjun l-aktar esportaw ħġieġ solari mhux miksi flimkien ma' xi kwantitajiet żgħar ta' ħġieġ miksi. Il-primjum medju fil-prezzijiet tal-bejgħ bejn il-ħġieġ solari mhux miksi u miksi nstab li kien madwar 20 % matul l-investigazzjoni oriġinali. Madankollu, minn dak iż-żmien l-industrija tal-pannelli solari madwar id-dinja miexja minn użu ta' ħġieġ mhux miksi għall-ħġieġ miksi billi dan tal-aħħar huwa prodott aktar effiċjenti. Illum il-ġurnata, il-ħġieġ miksi sar il-kejl standard u l-ħġieġ solari mhux miksi jintuża prinċipalment għal installazzjonijiet f'ambjent b'kundizzjonijiet tat-temp ħżiena u ħorox. Din l-evoluzzjoni hija riflessa wkoll fl-imġiba tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi fil-kampjun, li l-esportazzjonijiet tagħhom inbidlet kompletament minn ħġieġ solari mhux miksi għal ħġieġ solari miksi.

(24) Il-paragun tal-prezzijiet ta' esportazzjoni tal-IP fl-AIP juri li għal Flat Group, il-prezzijiet tal-esportazzjoni naqsu b'medja ta' 17,6 % u għal Xinyi Group b'30,4 % għall-prodott ikkonċernat esportat fl-AIP. Għalhekk assorbiment jista' jiġi stabbilit għaż-żewġ gruppi ta' kumpaniji.

(25) Skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament bażiku, importaturi, utenti u esportaturi kienu mogħtija l-opportunità li jipprovaw prova li tista' tiġġustifika tnaqqis fil-prezzijiet ta' esportazzjoni u nuqqas ta' moviment fil-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni li jsegwu l-impożizzjoni ta' miżuri għal raġunijiet oħra barra l-assorbiment tad-dazju antidumping.

(26) Produttur esportatur wieħed sostna — u tenna l-istess pretensjoni wara żvelar — li t-tnaqqis tal-prezzijiet ta' esportazzjoni ma kienx minħabba assorbiment iżda minħabba metodi ta' produzzjoni effiċjenti, ekonomija ta' skala u ambjent aktar kompetittiv għall-prodott ikkonċernat. Bħala riżultat l-ispiża tal-produzzjoni kif ukoll il-prezzijiet tal-esportazzjoni kienu naqsu.

(27) Il-Kummissjoni ma laqgħetx din il-pretensjoni. Din it-tip ta' pretensjoni tirreferi għall-prezzijiet tal-produzzjoni, u tista' biss tiġi kkunsidrata fil-kuntest ta' eżami mill-ġdid tal-valur normali. Madankollu, skont l-Artikolu 12(5) tar-Regolament bażiku, bidliet allegati fil-valur normali għandhom jiġu kkunsidrati biss meta informazzjoni kompleta ta' valuri normali reveduti jkunu disponibbli lill-Kummissjoni. Dan ma kienx il-każ peress li l-ebda gruppi ta' kumpaniji fil-kampjun ma talbu eżami mill-ġdid tal-valuri normali, kif previst fl-Artikolu 12(5) tar-Regolament bażiku u kif imsemmi fil-punt 5.1.1.(a) tan-Notifika ta' ftuħ mill-ġdid. Għalhekk, l-ispiża tal-produzzjoni matul l-AIP ma kinitx ġiet ivverifikata u l-ambitu tal-investigazzjoni jibqa' limitat għall-eżami tal-prezzijiet tal-esportazzjoni. Kull pretensjoni rigward l-allegati bidliet fl-ispejjeż tal-produzzjoni u/jew il-valur normali jistgħu jiġu indirizzati biss fil-kuntest ta' reviżjoni *interim*, skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

(28) Wara l-iżvelar produttur esportatur wieħed stqarr li l-prezzijiet tal-esportazzjoni tiegħu ma naqsux jew għall-inqas mhux sal-istess punt daqs il-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-kumpaniji fil-kampjun. Huwa argumenta wkoll li t-tnaqqis apparenti fil-prezzijiet tal-esportazzjoni taż-żewġ esportaturi Ċiniżi fil-kampjun u l-kalkolu mill-ġdid tal-marġni tad-dumping u tal-ħsara tagħhom ma tistax tkun bażi għal rivalutazzjoni tad-dazju antidumping individwali ġdida tiegħu. Għalhekk, huwa talab eżami individwali skont l-Artikolu 12(2) u l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku.

(29) Il-Kummissjoni ma laqgħetx din il-pretensjoni. Dan il-produttur esportatur ma kkooperax f'din l-investigazzjoni u ma pprovdix l-informazzjoni meħtieġa fil-limiti ta' żmien stipulati fl-avviż ta' bidu. Skont l- Artikolu 12(4) tar-Regolament bażiku, l-investigazzjoni mill-ġdid titwettaq malajr u normalment tintemm fi żmien sitt xhur mid-data tal-bidu tal-investigazzjoni mill-ġdid. F'kull każ, dawn l-investigazzjonijiet mill-ġdid għandhom fil-każijiet kollha jintemmu fi żmien disa' xhur mill-bidu tal-investigazzjoni mill-ġdid. Eżami individwali, li kien mitlub biss fi stadju tard tal-proċediment wara l-iżvelar, għalhekk jipprevjeni t-tlestija tal-investigazzjoni fiż-żmien dovut.

(30) Importatur/utent wieħed allega li l-industrija tal-ħġieġ solari fl-UE kellha provvista insuffiċjenti ta' ħġieġ solari ta' kwalità għolja b'mod speċjali biex tissodisfa t-talbiet tal-UE tal-industrija tal-moduli solari u għalhekk oppona l-impożizzjoni ta' miżuri addizzjonali. Huwa sostna wkoll li aktar miżuri antidumping iwasslu għal ċaqliq ta' produzzjoni ta' moduli solari barra l-UE.

(31) Il-Kummissjoni ma laqgħetx dawn iż-żewġ pretensjonijiet. L-ewwel nett, dawn il-pretensjonijiet jaqgħu taħt it-test tal-interess tal-Unjoni li mhuwiex analizzat f'investigazzjoni mill-ġdid ta' assorbiment. It-tieni nett, skont

it-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju l-utent irnexxielu jikseb 100 % tal-provvisti tiegħu ta' ħġieġ solari fl-AIP mill-UE u produtturi tal-ħġieġ solari f'pajjiżi terzi. Għalhekk, din il-pretensjoni ma ġietx issostanzjata biżżejjed. L-istess huwa minnu dwar l-argument li l-impożizzjoni ta' miżuri addizzjonali jisfurzaw lill-produtturi ta' moduli solari tal-UE jesternalizzaw il-produzzjoni tagħhom barra mill-UE. Dan ix-xenarju jidher improbabbli. Kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, il-parti ta' ħġieġ solari fl-ispiża tal-produzzjoni ta' modulu solari hija limitata, jiġifieri 6-8 %. Iż-żieda tal-miżuri għalhekk se jkollha biss impatt limitat fuq il-kostijiet totali tal-moduli solari, jiġifieri madwar 2-3 %.

2. **Id-dumping**

(32) Wara li assorbiment ġie stabbilit għaż-żewġ gruppi ta' kumpaniji, marġni ta' dumping ġew ikkalkulati mill-ġdid.

2.1. *Prezzijiet tal-esportazzjoni*

(33) Il-bejgħ kollu mill-produtturi esportaturi fil-kampjun sar direttament lil konsumaturi mhux relatati fl-Unjoni. Il-prezzijiet tal-esportazzjoni għalhekk kienu bbażati fuq il-prezzijiet effettivament imħallsa jew li jistgħu jitħallsu għall-prodott ikkonċernat skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

2.2. *Tqabbil*

(34) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi investigati fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika. Il-marġini tad-dumping ġew stabbiliti permezz ta' tqabbil tal-prezzijiet individwali mill-fabbrika tal-esportaturi inklużi fil-kampjun mal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-produttur tal-pajjiż analogu jew mal-valur normali maħdum kif xieraq.

(35) Sabiex jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, saret konċessjoni xierqa fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-paragunabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(36) Fuq din il-bażi, fil-każijiet kollha fejn intwera li tiġi affettwata l-paragunabbiltà tal-prezzijiet, saru aġġustamenti għall-ispejjeż tat-trasport, tat-trasport bil-baħar u tal-assigurazzjoni, għall-kosti tal-immaniġġar, tat-tagħbija u l-ispejjeż anċillari, għad-dazji fuq l-esportazzjonijiet u għall-kummissjonijiet.

2.3. *Marġini tad-dumping*

(37) Skont l-Artikoli 2(11) u 2(12) tar-Regolament bażiku, il-marġnijiet tad-dumping għall-produtturi esportaturi fil-kampjun ġew stabbiliti fuq il-bażi ta' tqabbil tal-valur normali maħdum medju ponderat għal kull tip ta' prodott tal-prodott simili stabbilit fit-Turkija matul l-OPI, mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat ta' kull kumpanija matul l-AIP, espress bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas.

(38) B'riżultat ta' dan, il-marġni tad-dumping għal Xinyi Group żdied minn 83,1 % matul l-OIP għal 122,2 % fl-AIP u għall-Flat Group minn 90,1 % għal 122,4 %.

3. **Il-livell ta' eliminazzjoni ta' ħsara**

(39) Skont ir-regola tal-inqas dazju inferjuri fl-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku u minħabba li l-miżuri oriġinali kienu bbażati fuq il-livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara, il-marġnijiet tal-ħsara ġew ikkalkulati mill-ġdid.

(40) Il-livell ta' eliminazzjoni ta' ħsara ġie determinat abbażi ta' paragun tal-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet tal-produtturi esportaturi fil-kampjun matul l-AIP, bil-prezz medju ponderat mhux dannuż tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni matul l-OIP. Kull differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil imbagħad ġiet espressa bħala perċentwal tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjoni.

(41) Wara l-iżvelar produttur esportatur wieħed ġab fid-dubju l-preċiżjoni tal-metodu użat mill-Kummissjoni. Biex jintwera dan, huwa sostna li anki jekk il-prezzijiet tal-esportazzjoni kienu baqgħu l-istess fl-AIP meta mqabbla mal-prezzijiet matul mal-OIP, il-livell ta' eliminazzjoni ta' dannu kien jiżdied.

(42) Il-Kummissjoni ma laqgħetx din il-pretensjoni. Il-produttur esportatur ikkonferma li l-prezzijiet tal-esportazzjoni tiegħu kienu niżlu matul l-AIP. Għaldaqstant, l-assorbiment jista' jkun stabbilit bil-konsegwenza li marġni ta' dumping u ta' ħsara meħtieġa jiġu kkalkulati mill-ġdid.

(43) Fuq din il-bażi, il-marġni ta' ħsara għal Xinyi Group żdied minn 39,3 % għal 107,00 % u għall-Flat Group minn 42,1 % għal 112,5 %.

D. **KONKLUŻJONI**

(44) Abbażi tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun assorbew id-dazju antidumping fis-seħħ. Għaldaqstant, il-miżuri antidumping imposti fuq l-importazzjonijiet ta' ħġieġ solari li joriġina fir-RPĊ għandhom jiġu emendati f'konformità mal-Artikolu 12(3) tar-Regolament bażiku.

Livell ġdid tal-miżura

(45) Skont ir-regola tal-inqas dazju fl-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, l-ewwel nett, il-Kummissjoni qabblet il-marġnijiet tad-dannu u l-marġnijiet tad-dumping. L-ammont tad-dazji għandu jkun stabbilit fil-livell tal-marġini tad-dannu. Madankollu, skont l-aħħar sentenza tal-Artikolu 12(3) tar-Regolament bażiku, l-ammont ta' dazju antidumping ġdid li għandu jiġi impost ma għandux jaqbeż id-doppju tal-ammont tad-dazju impost inizjalment.

(46) Peress li l-investigazzjoni kontra s-sussidji tibqa' mhux affettwata minn din l-investigazzjoni, id-dazju kompensatorju għandu jitnaqqas sabiex jiġi determinat id-dazju antidumping il-ġdid.

(47) Konsegwentement, għall-Flat Group id-dazju antidumping il-ġdid huwa ta' 71,4 % (jiġifieri d-doppju tal-marġni ta' ħsara attwalment applikabbli ta' 42,1 % mingħajr dazju kumpensatorju ta' 12,8 %) u għal Xinyi Group 75,4 % (jiġifieri d-doppju tal-marġni ta' ħsara ta' 39,3 % mingħajr dazju kumpensatorju ta' 3,2 %).

(48) Minħabba r-rata għolja ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, id-dazju għall-"kumpaniji l-oħra kollha" ġie stabbilit fil-livell tal-ogħla dazju li għandu jiġi impost fuq il-kumpaniji fil-kampjun jew fuq dawk li kkooperaw fl-investigazzjoni. Id-dazju għall-"kumpaniji l-oħra kollha" se jiġi applikat għal dawk il-kumpaniji li ma kinux ikkooperaw fl-investigazzjoni, bl-eċċezzjoni tal-kumpaniji li kkooperaw fl-investigazzjoni oriġinali u huma suġġetti għal dazju individwali tagħhom. Id-dazju antidumping ġdid tagħhom huwa stabbilit bħala d-doppju tal-marġni tal-ħsara attwali tagħhom li minnu d-dazju kompensatorju applikabbli ġie mnaqqas.

(49) Għal dawk il-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun u elenkati fit-tabella hawn taħt, il-marġni tad-dumping u tad-dannu ġew ikkalkulati bħala medja peżata tal-kumpaniji fil-kampjun. Sabiex jiġi stabbilit id-dazju antidumping ġdid, id-doppju tal-marġni ta' ħsara attwalment applikabbli ġie stabbilit bħala limitu li minnu d-dazju kumpensatorju applikabbli ġie mnaqqas.

(50) Produttur esportatur li ma kkooperax, li kkooperat fl-investigazzjoni oriġinali, sostna li kien hemm nuqqas ta' bażi legali għaż-żieda tad-dazju antidumping eżistenti tiegħu jew inkella nuqqas ta' bażi legali għall-impożizzjoni ta' żieda tad-dazji antidumping daqstant għoli kif propost mill-Kummissjoni.

(51) Il-Kummissjoni ma laqgħetx din il-pretensjoni. Il-bażi legali biex jiġu emendati l-miżuri fis-seħħ huwa l-Artikolu 12(3) tar-Regolament bażiku, liema Artikolu jispeċifika li l-ammont ta' dazju antidumping impost ma

għandux jaqbeż id-doppju tal-ammont tad-dazju impost inizjalment. Dan il-produttur ma kkooperax f'din l-investigazzjoni u għalhekk normalment għandu jkunu soġġett għad-dazju residwu. Madankollu, skont l-Artikolu 12(3) tar-Regolament bażiku, kif stabbilit fil-premessa (48) ta' hawn fuq, id-dazju antidumping il-ġdid tiegħu huwa stabbilit bħala d-doppju tal-marġni ta' ħsara applikabbli attwali tiegħu, li minnu d-dazju kumpensatorju applikabbli ġie mnaqqas.

(52) Ir-rata riveduta ta' dazju antidumping applikabbli, qabel id-dazju, għall-prezz nett ħieles minn kull piż fil-fruntiera tal-Unjoni tkun kif ġej:

Il-kumpanija	Marġni ġdida tad-dumping	Marġni ġdida tal-ħsara	Limitu skont l-Artikolu 12(3) BR (ara l-premessa (45))	Id-dazju kompensatorju (mhux mibdula)	Dazju antidumping definittiv rivedut
Zhejiang Jiafu Glass Co., Ltd; Flat Solar Glass Group Co., Ltd; Shanghai Flat Glass Co., Ltd	122,4 %	112,5 %	84,2 %	12,8 %	71,4 %
Xinyi PV Products (Anhui) Holdings Ltd	122,2 %	107,0 %	78,6 %	3,2 %	75,4 %
Zhejiang Hehe Photovoltaic Glass Technology Co., Ltd	122.4 %	112,5 %	52,4 %	17,1 %	35,3 %
Henan Yuhua New Material Co., Ltd	122,4 %	112,5 %	34,2 %	16,7 %	17,5 %
Avic Sanxin Sol-Glass Co. Ltd;	122,4 %	112,0 %	73 %	12,4 %	60,6 %
Avic Sanxin Sol-Glass Co. Ltd u Avic (Hainan) Special Glass Material Co., Ltd	122,4 %	112,5 %	73 %	12,4 %	60,6 %
Dongguan CSG Solar Glass Co., Ltd	122,4 %	112,0 %	73 %	12,4 %	60,6 %
Novatech Glass Co., Ltd	122,4 %	112,5 %	73 %	12,4 %	60,6 %
Pilkington Solar Taicang, Limited	122,4 %	112,0 %	73 %	12,4 %	60,6 %
Henan Ancai Hi-Tech Co., Ltd	122,4 %	112,5 %	73 %	17,1 %	55,9 %
Henan Succeed Photovoltaic Materials Corporation	122,4 %	112,5 %	73 %	17,1 %	55,9 %
Zibo Jinxing Glass Co., Ltd	122,4 %	112,5 %	73 %	17,1 %	55,9 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	122,4 %	112,5 %	84,2 %	17,1 %	67,1 %

(53) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 470/2014, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/588, jinbidel b'dan li ġej:

"2. Ir-rata tad-dazju antidumping definittiva applikabbli għall-prezz nett u ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u manifatturati mill-kumpaniji hawn taħt għandha tkun kif ġej:

Il-kumpanija	Dazju antidumping definittiv	Il-Kodiċi Supplementari TARIC
Zhejiang Jiafu Glass Co., Ltd; Flat Solar Glass Group Co., Ltd; Shanghai Flat Glass Co., Ltd	71,4 %	B945
Xinyi PV Products (Anhui) Holdings Ltd	75,4 %	B943
Zhejiang Hehe Photovoltaic Glass Technology Co., Ltd	35,3 %	B944
Henan Yuhua New Material Co., Ltd	17,5 %	B946
Henan Ancai Hi-Tech Co., Ltd	55,9 %	B947
Henan Succeed Photovoltaic Materials Corporation	55,9 %	B948
Avic Sanxin Sol-Glass Co. Ltd u Avic (Hainan) Special Glass Material Co., Ltd	60,6 %	B949
Wuxi Haida Safety Glass Co., Ltd	60,6 %	B950
Dongguan CSG Solar Glass Co., Ltd	60,6 %	B951
Pilkington Solar Taicang, Limited	60,6 %	B952
Zibo Jinxing Glass Co., Ltd	55,9 %	B953
Novatech Glass Co., Ltd	60,6 %	B954
Il-kumpaniji l-oħra kollha	67,1 %	B999"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Awwissu 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1395

tat-13 ta' Awwissu 2015

li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Awwissu 2015.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNESS

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz [1]	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	MA	144,2
	MK	51,2
	ZZ	97,7
0709 93 10	TR	116,3
	ZZ	116,3
0805 50 10	AR	134,3
	BO	146,4
	CL	160,0
	UY	119,5
	ZA	147,5
	ZZ	141,5
0806 10 10	EG	224,6
	IL	390,7
	MA	158,2
	TR	154,6
	US	342,9
	ZZ	254,2
0808 10 80	AR	108,9
	BR	94,3
	CL	136,5
	NZ	136,2
	US	147,0
	ZA	130,9
	ZZ	125,6
0808 30 90	AR	132,0
	CL	140,7
	MK	62,9
	NZ	146,7
	TR	139,3
	ZA	120,2
	ZZ	123,6
0809 30 10, 0809 30 90	MK	76,3
	TR	136,1
	ZZ	106,2
0809 40 05	BA	47,1
	IL	141,4
	MK	39,3
	XS	57,7
	ZZ	71,4

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT